4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u ***u*** li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-promozzjoni ta' proġetti ta' konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista' tgħix fil-post ta' oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta' akkomodazzjoni speċifiku għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f'dan ir-rigward;	4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-promozzjoni ta' proġetti ta' konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista' tgħix fil-post ta' oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta' akkomodazzjoni speċifiku għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f'dan ir-rigward***, appoġġjat minn studju dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien f'dawk ir-reġjuni fl-Ewropa***;

Or. en

Emenda 632
György Hölvényi, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u ***u*** li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-promozzjoni ta' proġetti ta' konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista' tgħix fil-post ta' oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta' akkomodazzjoni speċifiku għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f'dan ir-rigward;	4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki***, b'enfasi speċjali fuq il-kwistjonijiet ta' akkomodazzjoni kemm għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-anzjani***, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-promozzjoni ta' proġetti ta' konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista' tgħix fil-post ta' oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta' akkomodazzjoni speċifiku għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 633
Ciaran Mullooly, Brigitte van den Berg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u ***u*** li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-	4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-

promozzjoni ta’ proġetti ta’ konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista’ tgħix fil-post ta’ oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta’ akkomodazzjoni speċifiku għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f’dan ir-rigward;	promozzjoni ta’ proġetti ta’ konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista’ tgħix fil-post ta’ oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta’ akkomodazzjoni speċifiku***, b’soluzzjonijiet ta’ tisħin sostenibbli għall-konsumaturi mhux kollegati mal-grilja,*** għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f’dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 634
Julie Rechagneux, Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta’ approċċ ta’ governanza f’diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta’ akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki***,*** f’dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u ***u*** li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-promozzjoni ta’ proġetti ta’ konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista’ tgħix fil-post ta’ oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta’ akkomodazzjoni speċifiku għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f’dan ir-rigward;	4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta’ approċċ ta’ governanza f’diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta’ akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki ***mhux vinkolanti*** f’dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-promozzjoni ta’ proġetti ta’ konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista’ tgħix fil-post ta’ oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta’ akkomodazzjoni speċifiku ***u mhux vinkolanti*** għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f’dan ir-rigward;

Or. fr

Emenda 635
Julie Rechagneux, Marie Dauchy, Anne-Sophie Frigout, France Jamet, Mathilde Androuët, Catherine Griset, György Hölvényi, Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Klara Dostalova, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u ***u*** li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-promozzjoni ta' proġetti ta' konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista' tgħix fil-post ta' oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta' akkomodazzjoni speċifiku għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f'dan ir-rigward;	4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki ***mhux vinkolanti***, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-promozzjoni ta' proġetti ta' konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista' tgħix fil-post ta' oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta' akkomodazzjoni speċifiku ***mhux vinkolanti*** għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 636
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Inese Vaidere, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u ***u*** li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-promozzjoni ta' proġetti ta' konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista' tgħix fil-post ta' oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta' akkomodazzjoni speċifiku għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f'dan ir-rigward;	4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli***, aċċessibbli*** u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-promozzjoni ta' proġetti ta' konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista' tgħix fil-post ta' oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta' akkomodazzjoni speċifiku għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 637
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u ***u*** li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-promozzjoni ta' proġetti ta' konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li	4. Jitlob li jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli***, soċjali*** u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni depopolati u li qegħdin jiddepopolaw; jitlob il-promozzjoni ta' proġetti ta' konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex

wieħed jibqa' fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista' tgħix fil-post ta' oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta' akkomodazzjoni speċifiku għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f'dan ir-rigward;

jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista' tgħix fil-post ta' oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta' akkomodazzjoni speċifiku għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 638
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jitlob li ***jiġu promossi s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ*** tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni ***depopolati u u li qegħdin jiddepopolaw***; jitlob il-promozzjoni ta' proġetti ta' konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista' tgħix fil-post ta' oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta' akkomodazzjoni speċifiku għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f'dan ir-rigward;	4. Jitlob li ***jiġi promoss it-tisħiħ*** tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, inklużi miżuri amministrattivi u diġitali, biex jiġu żviluppati proġetti ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-aħjar prattiki, f'dan ir-rigward, iffukati fuq żoni ***b'densità għolja ta' popolazzjoni***; jitlob il-promozzjoni ta' proġetti ta' konnettività fir-reġjuni rurali, transfruntiera, insulari u ultraperiferiċi biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista' tgħix fil-post ta' oriġini tagħha; jitlob lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta' akkomodazzjoni speċifiku għar-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi kif ukoll għall-kooperazzjoni transfruntiera, f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 639
Klara Dostalova, Julie Rechagneux, Ondřej Knotek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati r-regoli u tiġi promossa d-diġitalizzazzjoni fil-proċeduri relatati mal-akkomodazzjoni, filwaqt li tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali, b'mod partikolari fiż-żoni rurali u depopolati; jisħaq li r-responsabbiltà ewlenija trid tibqa' f'idejn l-Istati Membri u l-muniċipalitajiet, filwaqt li r-rwol tal-Unjoni għandu jkun limitat għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju, il-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin u l-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti; jenfasizza l-importanza li tingħata prijorità lill-investiment f'muniċipalitajiet rurali u żgħar, inklużi proġetti ta' konnettività u infrastruttura, biex iċ-ċittadini, speċjalment il-familji żgħażagħ, ikunu jistgħu joqogħdu u jgħixu fil-post tal-oriġini tagħhom;

Or. en

Emenda 640
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' strateġija komprensiva għaż-żoni urbani biex tindirizza r-riskji tal-orjentazzjoni lejn it-turiżmu, filwaqt li jiġi rikonoxxut li t-tkabbir mingħajr kontroll tal-kirjiet għal

żmien qasir jhedded in-nisġa soċjali, l-affordabbiltà, u l-abitabbiltà fit-tul tal-bliet, u jissottolinja li huma meħtieġa miżuri biex tiġi ssalvagwardjata l-akkomodazzjoni għar-residenti u jiġu ppreżervati d-diversità u l-vitalità tal-komunitajiet urbani; jisħaq ukoll fuq l-importanza li tiġi indirizzata l-ġentrifikazzjoni fil-politiki tal-ippjanar urban u tar-riġenerazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li l-isforzi ta' rivitalizzazzjoni ma jwasslux għall-ispostament tar-residenti jew għat-telf ta' akkomodazzjoni affordabbli;

Or. en

Emenda 641
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jappella għat-tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli dwar l-akkomodazzjoni fejn il-livell nazzjonali, il-livell reġjonali u l-livell lokali jaħdmu għal viżjoni kondiviża fit-tul, ikollhom missjonijiet ċari, obbligu ta' rendikont kondiviż u strateġiji integrati; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji nazzjonali vinkolanti għall-akkomodazzjoni f'kollaborazzjoni ma' atturi mil-livelli kollha, li jinkorporaw il-viżjoni fit-tul, u appoġġjati minn appoġġ u fondi tal-UE;

Or. en

Emenda 642
Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-BEI jipprovdu, fejn meħtieġ, assistenza teknika u finanzjarja lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'mod partikolari f'muniċipalitajiet żgħar u ta' daqs medju u f'żoni rurali li għadhom jirrikjedu appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet, biex jgħinuhom jiżviluppaw pjanijiet ta' żvilupp komprensivi u sostenibbli li jindirizzaw b'mod effettiv il-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 643
Oihane Agirregoitia Martínez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jitlob li tingħata prijorità lill-funzjoni soċjali tal-akkomodazzjoni aktar milli lill-ispekulazzjoni, li titqiegħed fil-qalba tal-aġenda soċjali Ewropea u li jiġu promossi l-konverġenza territorjali u l-koeżjoni soċjali;

Or. es

Emenda 644
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jappoġġja strateġiji integrati ta'

żvilupp territorjali u lokali, permezz ta' approċċi kollaborattivi u parteċipattivi, kif deskritt fil-Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE, li jimmiraw lejn żoni rurali reżiljenti, filwaqt li jqisu ta' importanza kbira r-rinnovazzjoni sostenibbli tal-istokk ta' akkomodazzjoni biex titrawwem ir-rivitalizzazzjoni taż-żoni rurali depopolati kif ukoll jiggarantixxu d-dritt tan-nies li jibqgħu fil-komunitajiet lokali tagħhom, filwaqt li jagħtu prijorità lill-investimenti għal soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni mmexxija mill-komunità, flimkien ma' appoġġ finanzjarju għal konnettività diġitali mtejba, trasport pubbliku affordabbli u infrastruttura ekoloġika;

Or. en

Emenda 645
Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi uniċi taż-żoni rurali, remoti u muntanjużi fil-politiki tal-akkomodazzjoni, minħabba r-riskju għoli ta' tnaqqis demografiku; jappella għal appoġġ adegwat għas-sidien tad-djar anzjani f'dawn ir-reġjuni peress li spiss jaffaċċjaw sfidi uniċi; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ttejjeb id-disponibbiltà u l-attraenza tal-akkomodazzjoni rurali permezz ta' pjattaformi komunitarji, tisfrutta l-proprjetajiet battala, u tappoġġja soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni interġenerazzjonali u flessibbli;

Or. en

Emenda 646
Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tqis it-tliet kwistjonijiet ewlenin li jikkontribwixxu għall-kriżi tal-akkomodazzjoni rurali, kif deskritt fil-webinar ta' Prattika tajba organizzat fl-ambitu tal-Patt Rurali [1]: 1. il-finanzjalizzazzjoni tal-akkomodazzjoni rurali, li taffettwa l-affordabbiltà peress li l-investituri esterni jinfluwenzaw l-ipprezzar, u b'hekk tagħmilha aktar diffiċli għar-residenti lokali biex jaċċessaw l-akkomodazzjoni u l-art; 2. iż-żieda fil-mobbiltà residenzjali, li toħloq diskrepanzi bejn l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari għal ħaddiema ġodda u ħaddiema staġjonali; 3. il-ġentrifikazzjoni selettiva f'xi żoni twassal għal żieda fil-valuri tal-proprjetà, l-ispostament tar-residenti rurali għal żmien twil u l-limitazzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli;

Or. en

Emenda 647
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mal-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali, u tistimulahom u tappoġġjahom, biex tuża l-opportunità tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika

ta' koeżjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 biex tal-anqas tirdoppja l-fondi ppjanati ddedikati għall-politiki tal-akkomodazzjoni; jemmen li hija meħtieġa reviżjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti relatati mal-Fond ta' Koeżjoni biex isir possibbli investiment ta' appoġġ f'akkomodazzjoni affordabbli lil hinn minn dawk relatati mal-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika jew l-użu tal-enerġija rinnovabbli;

Or. en

Emenda 648
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Ifakkar li s-sitwazzjoni tal-akkomodazzjoni hija saħansitra aktar severa fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer, u tirrikjedi attenzjoni u investiment speċjali biex tingħeleb il-kriżi tal-akkomodazzjoni, speċjalment fir-rigward tal-akkomodazzjoni informali, id-drittijiet tal-proprjetà u l-aċċess għall-ilma jew il-protezzjoni kontra l-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 649
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4e. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi "Statut tal-Gżejjer tal-UE",

	flimkien ma' "Patt tal-Gżejjer", simili għall-Patt Rurali, bl-għan li l-insularità tiġi rikonoxxuta bħala karatteristika differenzjali, filwaqt li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' finanzjament u miżuri ta' politika speċifiċi biex jappoġġjaw lill-gżejjer fl-indirizzar tal-kostijiet addizzjonali assoċjati mal-insularità biex tiġi żgurata akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti fil-gżejjer għal dawk fil-bżonn;

Or. en

Emenda 650
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Żieda fl-offerta	***imħassar***

Or. en

Emenda 651
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Żieda fl-offerta	***Titjib fl-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-affordabbiltà tagħha***

Or. en

Emenda 652

Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Żieda fl-offerta	***Parti Ġdida. Nagħmlu l-Akkomodazzjoni Dritt Fundamentali***

Or. en

Emenda 653
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi l-akkomodazzjoni bħala dritt fundamentali inaljenabbli li jrid jiġi ggarantit lill-individwi kollha, irrispettivament mill-istatus tagħhom;

Or. en

Emenda 654
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-eliminazzjoni tal-finanzjalizzazzjoni u l-ispekulazzjoni

Or. en

Emenda 655
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri aktar stretti ta' protezzjoni tal-kerrejja biex jeliminaw ir-relazzjonijiet abbużivi mas-sidien tal-kera u jippermettu lill-kerrejja jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom; tali miżuri għandhom, b'mod partikolari iżda mhux esklużivament, jimmiraw li jsaħħu d-drittijiet kollettivi tal-kerrejja billi jikkonsolidaw ir-rwol tagħhom fl-assoċjazzjonijiet tas-sidien tad-djar u jirrikonoxxu l-parteċipazzjoni tagħhom fl-iżvilupp ta' politiki lokali tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 656
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Hanna Gedin, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri protettivi għall-individwi li ma jkunux jistgħu jħallsu l-kera tagħhom, inkluża l-projbizzjoni tal-iżgumbramenti

għan-nuqqas ta' ħlas tal-kera meta ma tkun tista' tiġi pprovduta l-ebda alternattiva deċenti; jitlob li jiġi stabbilit moratorju Ewropew għall-iżgumbrament fix-xitwa u miżuri protettivi speċjali biex jiġi żgurat li t-tfal ma jiġux żgumbrati;

Or. en

Emenda 657
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu l-kriminalizzazzjoni tal-okkupazzjoni kollettiva ta' akkomodazzjoni battala; jistieden lill-Istati Membri jħeġġu r-riabilitazzjoni ta' binjiet abbandunati jew deliberatament mitluqa minn assoċjazzjonijiet tas-settur terzjarju permezz ta' sejħiet għal proġetti pubbliċi;

Or. en

Emenda 658
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jappella għall-ħolqien ta' garanzija universali tal-kera biex tipproteġi lill-kerrejja minn xokkijiet finanzjarji,

tipprevjeni l-iżgumbramenti, u tiżgura l-istabbiltà tal-akkomodazzjoni; jitlob li din il-garanzija tiġi appoġġjata b'finanzjament pubbliku xieraq;

Or. en

Emenda 659
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex fil-Pjan għal Akkomodazzjoni Affordabbli tagħha, tinkludi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija effettiva għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, bl-objettiv li din tinqered sal-2030; jistieden lill-Kummissjoni tibbaża fuq l-approċċ "L-Akkomodazzjoni l-Ewwel", li jipprovdi akkomodazzjoni mingħajr kundizzjonijiet u permanenti lill-individwi mingħajr dar malajr kemm jista' jkun, flimkien ma' forom oħra ta' assistenza soċjali;

Or. en

Emenda 660
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Jistieden lill-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi l-akkomodazzjoni bħala kwistjoni ta' interess pubbliku; iħeġġeġ lill-Istati Membri jaċċeleraw ir-riabilitazzjoni ta' binjiet ta' standard inferjuri permezz ta' akkwist amikevoli jew, jekk ikun meħtieġ, espropriazzjoni, bl-għan li jikkonvertuhom fi spazji ta' għajxien vibranti u li jiġġieldu l-ġentrifikazzjoni;

Or. en

Emenda 661
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4h (new)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri ta' kontroll tal-kera fejn dawn jgħinu biex jitnaqqsu l-prezzijiet tal-kiri;

Or. en

Emenda 662
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subheading 4i (new)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Parti Ġdida. Il-Promozzjoni tal-Akkomodazzjoni Pubblika u Soċjali

Or. en

Emenda 663
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4j (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jirrikonoxxi li ż-żieda fl-istokk ta' akkomodazzjoni pubblika u soċjali hija essenzjali biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-akkomodazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan Ewropew għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni pubblika u soċjali li bl-għan li jitnaqqsu l-inugwaljanzi billi jiġi introdott rekwiżit ta' 30 % akkomodazzjoni soċjali u soċjali ħafna fi żviluppi ġodda, u 40 % f'żoni b'domanda għolja;

Or. en

Emenda 664
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4k (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-aġenziji tal-art pubblika, jikkoordinaw it-trasformazzjoni ta' binjiet degradati u battala f'żoni b'domanda għolja f'akkomodazzjoni pubblika diversifikata (inklużi akkomodazzjoni soċjali ħafna, lokazzjonijiet ibbażati fuq is-solidarjetà, u akkomodazzjoni intermedja), filwaqt li jiġu żgurati faċilitajiet ta' kwalità u

b'diversi servizzi;

Or. en

Emenda 665
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4l (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Iħeġġeġ lill-Istati Membri, meta jkunu qed isibu l-aktar akkomodazzjoni soċjali, jagħtu prijorità lil żoni meqjusa għonja sabiex jippromwovu t-taħlit soċjali;

Or. en

Emenda 666
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4m (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jipprojbixxu l-privatizzazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali, ħlief f'każijiet li fihom il-kerrej attwali jixtri l-proprjetà;

Or. en

Emenda 667

Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4n (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni żżid b'mod sostanzjali l-fondi Ewropej fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss allokati għall-finanzjament ta' proġetti żgħar u fuq skala kbira permezz ta' banek ta' investiment pubbliku nazzjonali;

Or. en

Emenda 668
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4o (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Parti Ġdida. Il-Promozzjoni ta' Sjieda tad-Djar Mhux Spekulattiva

Or. en

Emenda 669
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4p (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel il-ġlieda kontra l-ispekulazzjoni fuq il-kirjiet u l-proprjetà immobbli prijorità assoluta; jistieden lill-Istati Membri joħolqu "karta tal-iżviluppaturi" li tispeċifika l-prezz tal-bejgħ medju massimu u l-iskala tal-prezz applikabbli f'żona definita; jitlob li jiġu introdotti standards ekoloġiċi u soċjali għall-kostruzzjonijiet ġodda kollha; jitlob li tingħata prijorità lill-akkwist ta' akkomodazzjoni għall-applikanti li jirrisjedu fil-muniċipalità rilevanti;

Or. en

Emenda 670
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4q (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jippromwovu s-sjieda assistita tad-djar, billi jehmżu klawżoli kontra l-ispekulazzjoni biex jipprevjenu l-bejgħ mill-ġdid fi żmien qasir u l-gwadanji kapitali eċċessivi;

Or. en

Emenda 671
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4r (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni toħloq reġistru tat-trasparenza madwar l-Ewropa kollha għat-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli biex jiġu identifikati operazzjonijiet ta' ħasil tal-flus fis-settur tal-proprjetà u tiġi miġġielda l-pożizzjoni dejjem aktar dominanti tal-fondi ta' investiment fis-suq tad-djar;

Or. en

Emenda 672
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4s (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw is-sjieda multipla eċċessiva permezz ta' politika fiskali ġusta u dissważiva biex tiġi pprevenuta kull forma ta' spekulazzjoni tal-proprjetà immobbli;

Or. en

Emenda 673
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4t (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Parti Ġdida. Il-Limitazzjoni ta' Kirjiet

għal Żmien Qasir

Or. en

Emenda 674
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4u (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali biex fil-politiki pubbliċi futuri dwar ir-regolamentazzjoni tal-kirjiet għal żmien qasir, iqisu l-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-2020 f'Cali Apartments SCI (Kawżi Magħquda C-724/18 u C-727/18), li jikkonfermaw li l-ġlieda kontra n-nuqqas ta' akkomodazzjoni tikkostitwixxi raġuni prevalenti fl-interess pubbliku li tista' tiġġustifika regolamentazzjoni proporzjonata tal-kirjiet għal żmien qasir;

Or. en

Emenda 675
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4v (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni tippproponi direttiva ġdida biex tirregola b'mod ġust il-kirjiet għal żmien qasir, filwaqt li tqis

sfidi simili madwar il-bliet u l-Istati Membri, u tipprovdi lill-muniċipalitajiet l-għodod meħtieġa biex jilleġiżlaw skont il-ħtiġijiet lokali;

Or. en

Emenda 676
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4w (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni biex fil-pakkett leġiżlattiv futur tagħha, tinkludi l-estensjoni tar-rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet amministrattivi relatati ma' kirjiet għal żmien qasir, simili għar-reġim applikabbli għall-multi tat-traffiku; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra strument ġdid li jippermetti l-infurzar dirett ta' multi u ordnijiet muniċipali fi Stati Membri oħra biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali li jimponu sanzjonijiet u jnaqqsu ċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli permezz ta' strateġiji transfruntiera;

Or. en

Emenda 677
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4x (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jużaw l-għodod attwali kollha biex jiġġieldu l-hekk imsejħa abbużi ta' "Airbnbization", inkluż it-tnaqqis tal-perjodu massimu ta' kiri għal residenzi primarji għal 90 jum fis-sena, l-istabbiliment ta' żoni riżervati għal residenzi primarji meta jkun possibbli, u d-definizzjoni ta' kwota massima ta' unitajiet ta' kiri turistiċi f'żoni b'domanda għolja; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi dan ir-regolament fil-pakkett leġiżlattiv futur tagħha;

Or. en

Emenda 678
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4y (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva dwar il-kirjiet għal żmien qasir li tipprevedi l-possibbiltà li jiġu stabbiliti limiti massimi stretti fil-livell muniċipali u l-obbligu ta' reġistrazzjoni, inkluż prinċipju ex ante li jassenja r-responsabbiltà tal-konformità lill-pjattaformi tal-kirjiet għal żmien qasir; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu limiti muniċipali jew reġjonali, inkluża l-possibbiltà li jipprojbixxu l-kirjiet turistiċi f'binjiet residenzjali jew f'żoni b'nuqqas ta' akkomodazzjoni, ir-reġistrazzjoni obbligatorja ta' proprjetajiet tal-kiri, u sanzjonijiet effettivi kontra pjattaformi u sidien li jevitaw ir-regoli lokali dwar l-akkomodazzjoni; jistieden lill-

Kummissjoni tiffaċilita tali miżuri billi tipprovdi gwida dwar il-kompatibbiltà tagħhom mad-dritt tal-Unjoni, tappoġġja l-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri u l-muniċipalitajiet, tiffinanzja proġetti pilota fl-ambitu tal-programmi tal-Unjoni, u tiżgura t-trasparenza tal-pjattaformi permezz tal-ġbir tad-data u r-rekwiżiti ta' rapportar;

Or. en

Emenda 679
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4z (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jbaxxu l-limitu f'termini ta' jiem ta' kiri li warajhom l-attività ta' kiri għal żmien qasir titqies bħala attività ta' lukanda, li tirrikjedi konformità ma' standards aktar stretti ta' sikurezza u saħħa;

Or. en

Emenda 680
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw

	b'mod sistematiku lill-fornituri tal-kiri ta' akkomodazzjoni bl-għamara għal żmien qasir u l-pjattaformi diġitali, u jimponu sanzjonijiet f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' obbligi bħal dikjarazzjonijiet obbligatorji, durata massima tal-kiri, jew sottomissjoni tad-data fuq il-pjattaformi, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali jiżviluppaw u jaċċeleraw sistemi ta' awtodikjarazzjoni online għall-ospitanti individwali tal-kiri għal żmien qasir;

Or. en

Emenda 681
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jappella għal żieda fir-riżorsi umani għall-korpi muniċipali jew intermuniċipali responsabbli għall-kontroll tal-attività tal-pjattaformi;

Or. en

Emenda 682
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
It-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji u l-promozzjoni tas-simplifikazzjoni	***imħassar***

Or. en

Emenda 683
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
It-tnaqqis ***tal-pożijiet regolatorji*** u l-promozzjoni ***tas-simplifikazzjoni***	***Azzjonijiet dwar l-offerta u d-domanda*** It-tnaqqis ***tad-djar battala*** u l-promozzjoni ***tal-akkomodazzjoni pubblika u soċjali***

Or. en

Emenda 684
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
It-tnaqqis tal-pożijiet regolatorji u l-promozzjoni tas-simplifikazzjoni	***It-titjib tal-qafas regolatorju tal-Ewropa***

Or. en

Emenda 685
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Settur tal-akkomodazzjoni li jaqdi l-ħtiġijiet tan-nies u l-pjaneta

Emenda 686
Andreas Schieder

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li l-kawża ewlenija tal-kriżi tal-akkomodazzjoni hija l-offerta insuffiċjenti ta' ***abitazzjonijiet***; jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi ***jipprovdu miżuri urġenti biex tingħata*** spinta ***lill-offerta tal-akkomodazzjoni*** billi jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji tul il-katina tal-valur kollha, jiġu eliminati l-ostakli u l-burokrazija u jittaffew il-punti li fihom il-leġiżlazzjoni lokali, nazzjonali u tal-UE javvanzaw b'anqas ħeffa ***inkwantu dan jimmina l-kompetittività tas-setturi*** tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni; jitlob li jkun hemm kontroll orizzontali tal-piż regolatorju tal-UE; jitlob, f'dan ir-rigward, li jsir awditu regolatorju konġunt mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tista' tkun qed tfixkel l-offerta tal-akkomodazzjoni; ***ifakkar li l-evidenza turi li*** l-kontrolli ***tal-prezzijiet u l-interventi stretti huma ineffettivi, u ħafna drabi jaggravaw is-sitwazzjoni***;	5. Jissottolinja li l-kawża ewlenija tal-kriżi tal-akkomodazzjoni hija ***ż-żieda fil-kost tal-akkomodazzjoni minħabba, mhux biss,*** l-offerta insuffiċjenti ta' ***akkomodazzjoni soċjali, pubblika u affordabbli, l-iżviluppi spekulattivi li jgħollu l-prezzijiet u l-kirjiet bħall-finanzjalizzazzjoni tal-akkomodazzjoni, u*** jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi ***jagħtu*** spinta ***lill-offerta ta' akkomodazzjoni soċjali, pubblika, kooperattiva, mingħajr skop ta' qligħ u affordabbli, li tinvolvi strumenti ta' investiment pubbliku u privat fit-tul, inkluż*** billi jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji tul il-katina tal-valur kollha, jiġu eliminati l-ostakli u l-burokrazija u jittaffew il-punti li fihom il-leġiżlazzjoni lokali, nazzjonali u tal-UE javvanzaw b'anqas ħeffa ***biex ikun hemm prestazzjoni aħjar fis-setturi*** tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni ***filwaqt li tiġi s-sostenibbiltà soċjali, is-sostenibbiltà ambjentali u s-sostenibbiltà ekonomika jiġu introdotti kundizzjonalitajiet għall-finanzjament***; jitlob li jkun hemm kontroll orizzontali tal-piż regolatorju tal-UE; jitlob, f'dan ir-rigward, li jsir awditu regolatorju konġunt mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tista' tkun qed tfixkel l-offerta ***u l-governanza*** tal-akkomodazzjoni ***soċjali u affordabbli; itenni li t-trasparenza, ir-regolamentazzjoni u*** l-kontrolli ***tal-kera jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għas-sigurtà tal-pussess u l-koeżjoni soċjali, mhux biss, iżda speċjalment fi żminijiet ta' kriżi; jappella għal politiki bbażati fuq***

l-evidenza u sensittivi għall-kuntest li jipproteġu lill-kerrejja u jistabbilizzaw is-swieq tal-akkomodazzjoni minn theddid intern kif ukoll estern;

Or. en

Emenda 687
Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li l-kawża ewlenija tal-kriżi tal-akkomodazzjoni hija l-offerta insuffiċjenti ta' abitazzjonijiet; jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu miżuri urġenti biex tingħata spinta lill-offerta tal-akkomodazzjoni billi jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji tul il-katina tal-valur kollha, jiġu eliminati l-ostakli u l-burokrazija u jittaffew il-punti li fihom il-leġiżlazzjoni lokali, nazzjonali u tal-UE javvanzaw b'anqas ħeffa inkwantu dan jimmina l-kompetittività tas-setturi tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni; jitlob li jkun hemm kontroll orizzontali tal-piż regolatorju tal-UE; jitlob, f'dan ir-rigward, li jsir awditu regolatorju konġunt mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tista' tkun qed tfixkel l-offerta tal-akkomodazzjoni; ifakkar li l-evidenza turi li l-kontrolli tal-prezzijiet u l-interventi stretti huma ineffettivi, u ħafna drabi jaggravaw is-sitwazzjoni;	5. Jissottolinja li l-kawża ewlenija tal-kriżi tal-akkomodazzjoni hija l-offerta insuffiċjenti ta' abitazzjonijiet; jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu miżuri urġenti biex tingħata spinta lill-offerta tal-akkomodazzjoni billi jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji tul il-katina tal-valur kollha, jiġu eliminati l-ostakli u l-burokrazija u jittaffew il-punti li fihom il-leġiżlazzjoni lokali, nazzjonali u tal-UE javvanzaw b'anqas ħeffa inkwantu dan jimmina l-kompetittività tas-setturi tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni; jitlob li jkun hemm kontroll orizzontali tal-piż regolatorju tal-UE; jitlob, f'dan ir-rigward, li jsir awditu regolatorju konġunt mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tista' tkun qed tfixkel l-offerta tal-akkomodazzjoni; ifakkar li l-evidenza turi li l-kontrolli tal-prezzijiet***, is-sussidji*** u l-interventi stretti huma ineffettivi, u ħafna drabi jaggravaw is-sitwazzjoni;

Or. en

Emenda 709
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li l-kawża ewlenija tal-kriżi tal-akkomodazzjoni hija l-offerta insuffiċjenti ta' abitazzjonijiet; jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu miżuri urġenti biex tingħata spinta lill-offerta tal-akkomodazzjoni billi jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji tul il-katina tal-valur kollha, jiġu eliminati l-ostakli u l-burokrazija u jittaffew il-punti li fihom il-leġiżlazzjoni lokali, nazzjonali u tal-UE javvanzaw b'anqas ħeffa inkwantu dan jimmina l-kompetittività tas-setturi tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni; jitlob li jkun hemm kontroll orizzontali tal-piż regolatorju tal-UE; jitlob, f'dan ir-rigward, li jsir awditu regolatorju konġunt mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tista' tkun qed tfixkel l-offerta tal-akkomodazzjoni; ifakkar li l-evidenza turi li l-kontrolli tal-prezzijiet u l-interventi stretti huma ineffettivi, u ħafna drabi jaggravaw is-sitwazzjoni;	5. Jissottolinja li l-kawża ewlenija tal-kriżi tal-akkomodazzjoni hija l-offerta insuffiċjenti ta' abitazzjonijiet; jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu miżuri urġenti biex tingħata spinta lill-offerta tal-akkomodazzjoni billi jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji tul il-katina tal-valur kollha, jiġu eliminati l-ostakli u l-burokrazija u jittaffew il-punti li fihom il-leġiżlazzjoni lokali, nazzjonali u tal-UE javvanzaw b'anqas ħeffa inkwantu dan jimmina l-kompetittività tas-setturi tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni; jitlob li jkun hemm kontroll orizzontali tal-piż regolatorju tal-UE; jitlob, f'dan ir-rigward, li jsir awditu regolatorju konġunt mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tista' tkun qed tfixkel l-offerta tal-akkomodazzjoni; ifakkar li l-evidenza turi li l-kontrolli tal-prezzijiet u l-interventi stretti ***fis-suq*** huma ineffettivi, u ħafna drabi jaggravaw is-sitwazzjoni;

Or. en

Emenda 710
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

5a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippproponi Pakkett ta' Simplifikazzjoni tal-Akkomodazzjoni, bl-għan li tissimplifika u tirrazzjonalizza s-sett kumpless ta' regoli li bħalissa jnaqqsu r-ritmu tal-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni madwar l-Ewropa billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jiġu allinjati regolamenti li jikkoinċidu u jitqassru l-proċessi għall-ħruġ tal-permessi; jenfasizza li inizjattiva bħal din se tippermetti li d-djar jinbnew jew jiġu rinnovati aktar faċilment u malajr u li jitnaqqsu l-kostijiet tal-bini; jirrikonoxxi li s-simplifikazzjoni, id-deregolamentazzjoni mmirata u l-flessibilizzazzjoni jneħħu l-ostakli bla bżonn filwaqt li jippreżervaw l-istandards tas-sikurezza, ambjentali u soċjali ewlenin bl-għan li jiġu aċċelerati l-ħruġ tal-permessi, il-kostruzzjoni ġdida, u r-rinnovazzjoni, u b'hekk l-offerta tal-akkomodazzjoni tkun tista' tlaħħaq mad-domanda u d-djar madwar l-Ewropa jkunu aktar affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Pakkett ta' Simplifikazzjoni tal-Akkomodazzjoni jirrifletti fuq l-atti leġiżlattivi li ġejjin: il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura, id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, il-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija, id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika u d-Direttiva dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, b'mod konkret:

(a) Jirrikonoxxi li l-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura hija riġida wisq u ma tħalli l-ebda flessibbiltà għall-bini ekstraurban; jistieden lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi jiżguraw li l-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura ma toħloqx ostakli jew dewmien addizzjonali fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni, tqis l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, u tipprovdi lill-Istati Membri bi flessibbiltà akbar fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-ippjanar spazjali; dan japplika speċifikament

għall-prinċipju ta' nondeterjorament u l-miri stretti għall-2030, l-2040, l-2050;

(b) Jirrikonoxxi li d-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, li se tapplika mill-2026, se żżid il-kostijiet tal-kostruzzjoni minħabba rekwiżiti sproporzjonati għall-kumpaniji tal-bini li jikkonċernaw l-emissjonijiet temporanji u l-ogħla livelli ta' storbju matul il-proċess tal-kostruzzjoni, kif ukoll ir-rikonoxximent li tista' wkoll tagħmel il-binjiet aktar għoljin billi timponi rekwiżiti addizzjonali ta' disinn u tqassim; jappella għar-reviżjoni u s-simplifikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent biex jiġi żgurat li ma tibqax timponi restrizzjonijiet mhux meħtieġa u sproporzjonati fuq il-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni ġdida u unitajiet domestiċi individwali;

(c) Jirrikonoxxi li d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tista' tfixkel bla bżonn il-proġetti ta' kostruzzjoni billi tagħti stampa mgħawġa tal-kwalità ġenerali tal-ilma, prinċipalment minħabba l-prinċipju restrittiv "one out, all out" u l-għażliet ta' limitazzjoni għall-ispostament tal-ilma; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, peress li ma għadhiex issib il-bilanċ it-tajjeb bejn il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u l-iffaċilitar tal-attivitajiet ekonomiċi billi jitneħħa l-prinċipju "one out, all out" u billi jiġi permess deterjorament temporanju tal-kwalità tal-ilma minħabba l-ispostament tal-ilma, sabiex tiġi pprevenuta aktar pressjoni fuq il-proċessi għall-ħruġ tal-permessi għall-akkomodazzjoni;

(d) Jirrikonoxxi li l-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija toħloq sfidi kbar għall-iżvilupp ekstraurban u tintroduċi burokrazija żejda għall-kumpaniji relatati mal-ħamrija u atturi oħra fil-katina tal-kostruzzjoni, b'riżultat ta' dan, il-ħruġ ta' permessi għall-akkomodazzjoni x'aktarx li jaffaċċja dewmien; jistieden lill-

Kummissjoni tiżgura li l-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija ma tostakolax il-proċessi għal-ħruġ tal-permessi u l-liċenzji għall-kostruzzjoni u tipprovoka dewmien bla bżonn fl-iżvilupp tal-akkomodazzjoni;

(e) Jirrikonoxxi li d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija hija preskrittiva żżejjed peress li ddgħajjef il-prinċipju tas-sussidjarjetà u timponi rekwiżiti tal-bini eċċessivi u restrittivi li jżidu l-kostijiet tal-kostruzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-leġiżlazzjoni biex tnaqqas il-burokrazija, ir-regolamentazzjoni dettaljata żżejjed u l-kostijiet tal-produzzjoni; jisħaq li l-politiki tal-UE dwar il-klima għall-binjiet iridu jkunu prammatiċi u adattabbli; jisħaq li l-objettivi ambjentali fl-akkomodazzjoni jridu jiġu implimentati b'mod kosteffiċjenti, filwaqt li jiġu evitati rekwiżiti sproporzjonati li jżidu l-kostijiet tal-kostruzzjoni u jnaqqsu l-affordabbiltà għall-unitajiet domestiċi;

(f) Jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni prattika tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika toħloq burokrazija eċċessiva għal ħafna kumpaniji tal-kostruzzjoni u sidien privati; jitlob reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (2023/1791), bl-għan li jiġu riflessi aħjar il-kundizzjonijiet tad-dinja reali, jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, tiġi inkluża eżenzjoni għall-kumpaniji b'massimu ta' 50 impjegat, u jiġi ffaċilitat l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-enerġija fil-livell tal-kostruzzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li l-għanijiet ta' sostenibbiltà ma jseħħux għad-detriment tal-affordabbiltà u d-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni; jinnota li l-isforzi burokratiċi meħtieġa mid-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika permezz tal-obbligu ta' monitoraġġ, reġistrazzjoni u rapportar huma sproporzjonati għall-benefiċċji tagħha; jenfasizza l-ħtieġa ta' kosteffiċjenza; jemmen li regoli ta' interpretazzjoni aktar stretti jtawlu b'mod negattiv il-proċeduri

ta' approvazzjoni fil-kostruzzjoni tal-abitazzjonijiet; jitlob aktar proporzjonalità tar-rekwiżiti għall-effiċjenza enerġetika biex jiġi żgurat ambjent favorevoli għall-investimenti fil-kostruzzjoni ta' opportunitajiet ġodda ta' akkomodazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa ta' allinjament aħjar tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika mal-kosteffiċjenza;

(g) Iqis li d-Direttiva dwar l-Għasafar u d-Direttiva dwar il-Ħabitats jimponu rekwiżiti restrittivi żżejjed fuq l-akkomodazzjoni ekstraurbana u l-attivitajiet ekonomiċi relatati fis-settur tal-kostruzzjoni, inkluża l-estrazzjoni ta' materjali tal-bini, u jappella għal flessibbiltà akbar, inklużi eżenzjonijiet possibbli minn miri u indikaturi stretti għal tali attivitajiet relatati mal-akkomodazzjoni;

(h) Jitlob valutazzjoni tal-impatt komprensiva biex jiġu evalwati l-effetti soċjali u ekonomiċi tal-ETS2, fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva 2023/959, fuq l-unitajiet domestiċi u l-kontribut potenzjali tagħha għat-tnaqqis tal-kapaċità tal-akkwist tagħhom;

Or. en

Emenda 711
Brigitte van den Berg, Barry Cowen, Martin Hojsík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu miżuri urġenti biex jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji tul il-katina tal-valur kollha tas-settur tal-kostruzzjoni, jiġu eliminati l-ostakli u l-burokrazija żejda u jittaffew l-ostakli fil-leġiżlazzjoni lokali, nazzjonali u tal-UE li jimminaw il-kompetittività tas-setturi tal-kostruzzjoni u

tar-rinnovazzjoni; jitlob li jkun hemm kontroll orizzontali tal-piż regolatorju tal-UE; jitlob, f'dan ir-rigward, li jsir awditu regolatorju konġunt mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tista' tkun qed tfixkel l-offerta tal-akkomodazzjoni; ifakkar li l-evidenza turi li l-kontrolli tal-prezzijiet u l-interventi mill-Istat jistgħu jwasslu għal eżiti mhux mistennija, iżda kwalunkwe miżura bħal din għandu jkollha l-għan li tillimita d-distorsjonijiet fis-suq;

Or. en

Emenda 712
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu allokati riżorsi adegwati lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jiġu ssimplifikati l-proċessi għall-ħruġ tal-permessi u l-proċeduri amministrattivi; jissottolinja li ħafna muniċipalitajiet jaffaċċjaw nuqqas serju ta' persunal minħabba nuqqas kroniku ta' finanzjament, li jillimita l-kapaċità tagħhom li jippjanaw, jipprovdu u jiġġestixxu l-akkomodazzjoni pubblika u soċjali, u li jiżguraw sorveljanza xierqa tal-attività tas-settur privat; jissottolinja li kapaċità amministrattiva insuffiċjenti tikkontribwixxi għal ġestjoni ħażina, proċessi twal għall-ħruġ tal-permessi u infurzar dgħajjef kontra prattiki spekulattivi jew illegali; jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju dwar il-kawżi ta' dewmien eċċessiv fil-kisba tal-permessi u fit-tlestija tal-proċeduri ta' ħruġ ta'

liċenzji;

Or. en

Emenda 713
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Hanna Gedin, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (Deċiżjoni 2012/21/UE) sabiex l-appoġġ pubbliku għal akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, inkluża l-akkomodazzjoni aċċessibbli għall-unitajiet domestiċi b'introjtu medju, jitqies bħala kompatibbli mas-suq intern; jissottolinja li l-akkomodazzjoni għandha tiġi ttrattata bħala servizz ta' interess ġenerali, mhux biss attività ekonomika, u li l-Istati Membri jeħtiġilhom ikunu jistgħu jinvestu f'akkomodazzjoni pubblika u affordabbli mingħajr ma jkunu ristretti mir-regoli tal-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 714
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-

investiment spekulattiv u l-finanzjalizzazzjoni tal-akkomodazzjoni huma fost l-ixprunaturi ewlenin tal-kriżi attwali tal-akkomodazzjoni fl-UE, iffaċilitati minn qafas regolatorju permissiv li jippermetti prinċipalment lill-investituri istituzzjonali, bħall-fondi spekulattivi, il-fondi mutwi, il-banek - jgħollu l-prezzijiet billi joffru prezz ogħla għall-proprjetà immobbli, jagħtu prijorità lill-profitt fuq l-affordabbiltà u jwasslu għal diskrepanza severa bejn l-introjtu lokali u l-prezzijiet tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 715
Rachel Blom, Julie Rechagneux, Klara Dostalova, Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu b'mod espliċitu l-impatt tal-migrazzjoni u tal-influssi tal-ażil fuq id-domanda għall-akkomodazzjoni fl-analiżijiet tal-politika tagħhom; jenfasizza li, skont l-Eurostat, l-influssi fl-2022 u fl-2023 kienu storikament għoljin, b'aktar minn 3 miljun immigrant kull sena fl-UE, li huwa fattur strutturali li jikkontribwixxi għan-nuqqas ta' akkomodazzjoni; jenfasizza li l-politika tal-akkomodazzjoni ma tistax titqies separatament minn politika dwar il-migrazzjoni maniġġabbli;

Or. nl

Emenda 716
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromulgaw leġiżlazzjoni ta' emerġenza biex jissimplifikaw ir-rekwiżiti tal-ippjanar dwar art allokata u lesta għall-infrastruttura; jistieden lill-Istati Membri jespandu l-eżenzjonijiet tal-ippjanar għal djar modulari sa 63 m²;

Or. en

Emenda 717
Martin Hojsík, Brigitte van den Berg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jesprimi dispjaċir għad-disparità bejn l-Istati Membri fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni; jistieden lill-Istati Membri kollha jintroduċu proċessi għall-ħruġ tal-permessi kompletament diġitali u komunikazzjoni elettronika relatata mal-ħruġ tal-permessi;

Or. en

Emenda 718
Rachel Blom, Julie Rechagneux, Klara Dostalova, Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jirrikonoxxi l-fatt li l-UE qed tiffaċċja nuqqas akut ta' akkomodazzjoni affordabbli; jirrikonoxxi li f'xi Stati Membri, l-oqfsa regolatorji ambjentali u

dawk relatati mal-kostruzzjoni, inklużi r-regoli dwar l-emissjonijiet tan-nitroġenu (NOx), kellhom effetti sinifikanti fuq il-provvista tal-akkomodazzjoni billi jirrestringu l-kostruzzjoni u l-iżvilupp tal-art; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tar-regolamenti dwar il-klima fil-livell tal-UE fuq is-swieq tal-akkomodazzjoni nazzjonali u l-output tal-kostruzzjoni u, meta jkun rilevanti, tipproponi flessibbiltajiet tekniċi, mekkaniżmi ta' kumpens jew proċeduri aċċelerati għall-ħruġ tal-permessi biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jipprovdu akkomodazzjoni adegwata u affordabbli għall-unitajiet domestiċi nazzjonali tal-klassi medja u tal-klassi tal-ħaddiema;

Or. nl

Emenda 719
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-partijiet ikkonċernati b'interess lokali dirett biss ikunu jistgħu jressqu oġġezzjonijiet għall-ippjanar, biex jiġi pprevenut dewmien bla bżonn fil-proġetti tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 720
Ciaran Mullooly, Brigitte van den Berg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

5c. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li meta sseħħ il-kostruzzjoni tal-proprjetajiet, jiġu previsti żoni ekoloġiċi adegwati;

Or. en

Emenda 721
Ciaran Mullooly, Brigitte van den Berg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5d. Jenfasizza l-fatt li x-xogħol amministrattiv rilevanti għax-xiri ta' proprjetà jista' jkun kumpless u kkumplikat iżżejjed li jfixkel il-bejgħ tagħha; jisħaq li jekk id-dokumentazzjoni titħejja skont ir-regolament qabel il-bejgħ, dan iħaffef l-akkwist tal-proprjetà;

Or. en

Emenda 722
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-kostruzzjoni ta'*** akkomodazzjoni ***kemm soċjali kif ukoll affordabbli***; ***jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li jirrikonċiljaw l-objettivi ambjentali u ekonomiċi;***	6. ***Ifakkar fl-emerġenza klimatika u ambjentali li għaddejja bħalissa; ifakkar li l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tindirizza t-teħid tal-art bħala waħda mit-theddidiet ewlenin għall-bijodiversità; jemmen bis-sħiħ li l-kostruzzjoni ta' kwalunkwe binja ġdida trid tkun konformi mal-għan tal-UE ta' "ebda teħid nett tal-art sal-2050" kif stabbilit fl-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030; jissottolinja l-importanza kbira ta' miri legalment***

vinkolanti u pjanijiet ambizzjużi u konsistenti dwar is-saħħa tal-ħamrija biex dan l-ambitu jintlaħaq b'mod kredibbli; jenfasizza li, fid-dawl tat-telf diġà massiv tal-bijodiversità, kwalunkwe binja ġdida ma għandhiex tinbena, fi kwalunkwe każ, f'żoni naturali li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni, protetti mid-Direttiva dwar il-Ħabitats; jenfasizza li diġà jeżistu bosta soluzzjonijiet biex tinbena akkomodazzjoni ġdida mingħajr konsum ġdid ta' żoni naturali, agrikoli u forestali, filwaqt li, fl-istess ħin, tittejjeb il-kwalità tal-binjiet, tiġi ddiversifikata l-offerta tal-akkomodazzjoni u tiżdied id-diversità; jissottolinja li dawn is-soluzzjonijiet ivarjaw minn akkomodazzjoni ta' densità orizzontali u vertikali ħafifa, iddisinjata flimkien mar-residenti lokali, għal tiġdid urban, inkluż l-iżvilupp ta' akkomodazzjoni ***ħafifa;***

Or. en

Emenda 723
Oihane Agirregoitia Martínez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex ***tittejjeb id-disponibbiltà*** tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li jirrikonċiljaw l-objettivi ambjentali u ekonomiċi;	6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex ***jitħaffef it-trasferiment*** tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw ***u jħaffu*** l-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali***, aċċessibbli*** u affordabbli; jistieden lill-Istati Membri ***kif ukoll lill-awtoritajiet reġjonali u lokali*** jadottaw approċċi integrati li jirrikonċiljaw l-objettivi ambjentali u ekonomiċi; ***iħeġġeġ li jinstabu soluzzjonijiet biex jiżdiedu kemm l-akkomodazzjoni sussidjata kif ukoll dik mhux soġġetta għal kontrolli tal-***

prezz; f'żoni insulari soġġetti għal reġimi ta' protezzjoni għolja, għandu jiġi stabbilit kumpens biex tiżdied il-kapaċità ta' rinnovazzjoni u biex il-kostijiet reali tal-kostruzzjoni jiġu ddikjarati bħala eliġibbli, minħabba l-ispiża partikolarment għolja tagħhom f'ċerti territorji;

Or. es

Emenda 724
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika ***u jiffaċilitaw il-proċessi ta' tqassim f'żoni*** għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni ***kemm*** soċjali ***kif ukoll*** affordabbli***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li jirrikonċiljaw l-objettivi ambjentali u ekonomiċi***;	6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali***,*** affordabbli***, kooperattiva u mingħajr skop ta' qligħ, filwaqt li jiżguraw li l-abitazzjonijiet iffinanzjati pubblikament jibqgħu taħt il-ġestjoni pubblika b'mod indefinit u jkunu protetti minn bejgħ u privatizzazzjoni futuri***; ***jisħaq li kwalunkwe strateġija dwar l-użu tal-art trid tibbilanċja l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni mal-ħarsien tal-ambjent u l-istandards tal-kostruzzjoni ta' kwalità għolja, f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku***; ***jenfasizza li l-iżviluppi tal-akkomodazzjoni jridu dejjem jiġu integrati fi strateġiji ta' żvilupp urban usa', inkluż l-iżvilupp ta' infrastruttura pubblika, biex tiġi żgurata l-koeżjoni soċjali u tiġi pprevenuta s-segregazzjoni soċjoekonomika;***

Or. en

Emenda 725
Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li jirrikonċiljaw l-objettivi ambjentali u ekonomiċi;	6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; ***jinnota li l-kapaċità tal-akkomodazzjoni tista' tiżdied ukoll billi jintuża aħjar l-ambjent mibni eżistenti mingħajr il-ħtieġa ta' teħid ta' art ġdida, b'mod partikolari permezz ta' estensjonijiet vertikali, l-iżvilupp mill-ġdid ta' binjiet abbandunati u l-għoti ta' skop ġdid lil binjiet eżistenti, speċjalment dawk li jinsabu f'ċentri u subborgi storiċi, li jistgħu jipprovdu miljuni ta' djar ġodda;*** jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li jirrikonċiljaw l-objettivi ambjentali u ekonomiċi;

Or. en

Emenda 726
Klara Dostalova, Julie Rechagneux, Ondřej Knotek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Rachel Blom, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja	6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja

ta’ popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta’ tqassim f’żoni għall-kostruzzjoni ta’ akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; ***jistieden lill-Istati*** Membri ***jadottaw approċċi integrati li jirrikonċiljaw l-objettivi ambjentali u ekonomiċi***;

ta’ popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta’ tqassim f’żoni għall-kostruzzjoni ta’ akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; ***jisħaq li d-deċiżjonijiet dwar l-użu tal-art pubblika u l-proċessi tal-ippjanar iridu jibqgħu kompletament taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u tal-muniċipalitajiet, bl-Unjoni tipprovdi biss qafas ta’ appoġġ u assistenza teknika; jissottolinja li l-proġetti ta’ akkomodazzjoni fuq art pubblika għandhom jagħtu prijorità ċara lill-familji u liċ-ċittadini żgħażagħ tal-Istati*** Membri;

Or. en

Emenda 727
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b’mod partikolari f’żoni b’densità għolja ta’ popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta’ tqassim f’żoni għall-kostruzzjoni ta’ akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li jirrikonċiljaw l-objettivi ambjentali u ekonomiċi;	6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b’mod partikolari f’żoni b’densità għolja ta’ popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta’ tqassim f’żoni għall-kostruzzjoni ta’ akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li jirrikonċiljaw l-objettivi ambjentali u ekonomiċi; ***jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw ir-regolamenti dwar it-tqassim tal-art f’żoni u jikklassifikaw mill-ġdid l-artijiet lesti għall-infrastruttura għal żvilupp immedjat, biex iħaffu l-forniment tal-akkomodazzjoni;***

Or. en

Emenda 728
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li jirrikonċiljaw l-objettivi ambjentali u ekonomiċi;	6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni***; jisħaq fuq il-valur miżjud tal-applikazzjoni ta' prattiki tal-bini innovattivi bħall-kostruzzjoni ħafifa supplimentari f'żoni urbani biex jiġi massimizzat l-ispazju tal-bini***; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li jirrikonċiljaw l-objettivi ambjentali u ekonomiċi;

Or. en

Emenda 729
Martin Hojsík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-kostruzzjoni ta'	6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini ***b'mod sostenibbli***, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-

akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li ***jirrikonċiljaw*** l-objettivi ambjentali u ***ekonomiċi***;	kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; jistieden lill-Istati Membri ***u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali*** jadottaw approċċi integrati li ***jiżguraw il-konsistenza bejn proġetti tal-kostruzzjoni u*** l-objettivi ambjentali u ***soċjali***;

Or. en

Emenda 730
Brigitte van den Berg, Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li ***jirrikonċiljaw*** l-objettivi ambjentali ***u ekonomiċi***;	6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; jistieden lill-Istati Membri ***u lill-awtoritajiet reġjonali*** jadottaw approċċi integrati li ***jiżguraw il-konsistenza bejn proġetti tal-kostruzzjoni u*** l-objettivi ambjentali;

Or. en

Emenda 731
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex ***tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini***, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw ***l-art pubblika*** u jiffaċilitaw ***il-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-kostruzzjoni ta'*** akkomodazzjoni ***kemm soċjali kif ukoll affordabbli***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li ***jirrikonċiljaw*** l-objettivi ambjentali ***u ekonomiċi***;	6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex ***aktar akkomodazzjoni battala tkun disponibbli għall-kiri jew għax-xiri minn individwi***, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw ***akkomodazzjoni mhux okkupata li deliberatament tinżamm battala mis-sidien tagħha,*** u jiffaċilitaw ***il-proċess ta' rinnovazzjoni ta'*** akkomodazzjoni ***pubblika u privata***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li ***jirrispettaw*** l-objettivi ambjentali u ekonomiċi;

Or. en

Emenda 732
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li jirrikonċiljaw l-objettivi ambjentali u ekonomiċi;	6. Iħeġġeġ li jsiru sforzi biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-art tajba għall-bini, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jimmobilizzaw l-art pubblika u jiffaċilitaw il-proċessi ta' tqassim f'żoni għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni kemm soċjali kif ukoll affordabbli; jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi integrati li ***jissimplifikaw il-proċeduri filwaqt li*** jirrikonċiljaw l-objettivi ambjentali u ekonomiċi;

Or. en

Emenda 733

Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jesprimi dispjaċir kbir għall-metodi użati mid-ditti ta' investiment li jikkontribwixxu għall-ispekulazzjoni bbażata fuq ix-xiri ta' art bil-valur agrikolu tagħha (minflok urban), u li għal dan jirċievu, f'xi każijiet, anke sussidji pubbliċi, li jippromwovu deċiżjonijiet dwar il-konverżjoni tal-użu tal-art, u jibbenefikaw minnhom, biex jinbnew unitajiet ta' akkomodazzjoni ġodda; iqis li din il-kwistjoni għandha tiġi mmonitorjata u rregolata mill-qrib sabiex jiġu pprevenuti każijiet bħal dawn u jiġi ssalvagwardjat l-interess pubbliku; jemmen ukoll li, f'żoni ta' stress tal-akkomodazzjoni, l-art diġà ddeżinjata għall-iżvilupp ta' akkomodazzjoni residenzjali għandha tiġi allokata esklużivament għal akkomodazzjoni soċjali u affordabbli sabiex jiġi pprevenut l-użu spekulattiv u tiġi żgurata l-affordabbiltà strutturali fit-tul;

Or. en

Emenda 734
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-kostruzzjoni ta' lukandi lussużi u akkomodazzjoni f'żoni kostali u b'livell għoli ta' turiżmu, filwaqt li jwissi li tali

żviluppi jikkontribwixxu għall-orjentazzjoni lejn it-turiżmu, l-ispostament tar-residenti lokali, u ż-żieda fil-kostijiet tal-akkomodazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw regolamenti li jagħtu prijorità lill-komunitajiet lokali, l-akkomodazzjoni affordabbli, u l-iżvilupp tat-turiżmu sostenibbli;

Or. en

Emenda 735
Martin Hojsík, Brigitte van den Berg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jissottolinja li l-artijiet abbandunati jipprovdu riżerva addizzjonali ta' art urbana għal żvilupp possibbli; jistieden lill-Istati Membri jimmappjaw l-artijiet abbandunati fit-territorju tagħhom li jistgħu jiġu ttrasformati f'akkomodazzjoni u jintroduċu "passaport ta' art abbandunata" li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet skont liema l-art abbandunata tiġi awtomatikament ittrasformata fi pjanijiet urbani għal żoni għall-iżvilupp tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 736
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni

temenda d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, biex tippermetti deterjorament temporanju tal-kwalità tal-ilma minħabba l-ispostament tal-ilma, dment li l-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ma jiġux kompromessi, sabiex tiġi pprevenuta aktar pressjoni fuq il-proċessi għall-ħruġ tal-permessi għall-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 737
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jisħaq li l-iżvilupp ta' akkomodazzjoni ġdida għandu jagħti prijorità lill-użu mill-ġdid u r-riġenerazzjoni ta' art diġà żviluppata jew parzjalment mibnija, inklużi artijiet abbandunati u żoni urbani li ma jitużawx biżżejjed, aktar milli l-konverżjoni ulterjuri ta' art naturali jew agrikola;

Or. en

Emenda 738
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jisħaq li l-prattiki ta' investiment spekulattiv minn sidien tal-kera

korporattivi kbar u atturi finanzjarji jikkontribwixxu għall-inaffordabbiltà tal-akkomodazzjoni u l-ispostament; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri li jillimitaw il-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-akkomodazzjoni u tiżgura t-trasparenza tal-istrutturi ta' investiment tal-proprjetà immobbli, inklużi l-fondi ta' investiment u l-fondi immobiljari (REITs);

Or. en

Emenda 739
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfasslu u jimplimentaw politiki, oqfsa regolatorji u strumenti ta' finanzjament li jippromwovu b'mod attiv ir-riabilitazzjoni ta' siti abbandunati jew li ma jintużawx biżżejjed fin-nisġiet urbani eżistenti, filwaqt li jiġi żgurat li tali proġetti ta' riġenerazzjoni jikkontribwixxu għall-affordabbiltà, għas-sostenibbiltà ambjentali u għall-inklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 740
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

6c. Jissottolinja li l-miżuri għar-riabilitazzjoni ta' siti abbandunati jew li ma jintużawx biżżejjed iridu jiġu kkomplementati minn investimenti fit-trasport sostenibbli u fl-infrastruttura diġitali u soċjali biex tissaħħaħ il-konnettività bejn il-bliet iżgħar, iż-żoni rurali u iċ-ċentri urbani ewlenin, u b'hekk jiġu appoġġjati ż-żoni interni u titnaqqas il-pressjoni fuq il-konsum tal-art;

Or. en

Emenda 741
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw il-valutazzjonijiet tar-riskju klimatiku fl-ippjanar urban u rurali, filwaqt li jiżguraw li ż-żoni l-aktar vulnerabbli għad-diżastri relatati mal-klima jingħataw prijorità għal miżuri protettivi, infrastruttura reżiljenti, u użu sostenibbli tal-art; jenfasizza l-istrateġiji ta' adattament u mitigazzjoni fil-proġetti kollha ta' żvilupp;

Or. en

Emenda 742
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	7. ***Jistieden lill-Kummissjoni tressaq pjan ta' azzjoni biex tnaqqas drastikament iż-żminijiet għall-ħruġ tal-permessi għall-akkomodazzjoni ħalli jitħaffef il-bini tad-djar, u dan għandu jinvolvi l-emendar tal-leġiżlazzjoni, l-għoti ta' gwida lill-Istati Membri, it-tishiħ tal-iskambju tal-aħjar prattiki, l-aġġornament tal-għodda ta' gwida online dwar il-ħruġ ta' permessi lill-Istati Membri u l-għoti ta' appoġġ tekniku lill-Istati Membri;*** jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;

Or. en

Emenda 743
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta'	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta'

miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;

miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji; ***jitlob li ssir valutazzjoni tal-impatt tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) (2014/52/UE), biex tkun aktar flessibbli ħalli jitħaffu l-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tad-djar bl-għan li jitnaqqas id-dewmien fil-proċess tal-ħruġ tal-permessi u tal-liċenzji u jitħaffu l-bini u t-trasformazzjoni tad-djar mingħajr ma jiġi kompromess il-livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent;***

Or. en

Emenda 744
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti ***jiffaċilitaw il-proċessi*** tal-għoti ta' permessi ***biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika***; ***jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien***	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti ***jinkludu kundizzjonijiet soċjali u ambjentali biex jiżguraw l-allinjament tal-proċessi*** tal-għoti ta' permessi ***mal-objettivi tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam***;

eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;

Or. en

Emenda 745
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji; ***jistieden lill-Istati Membri jaċċeleraw id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-ippjanar u tal-ħruġ tal-permessi permezz ta' pjattaformi diġitali interoperabbli li jippermettu s-sottomissjoni, it-traċċar u l-approvazzjoni elettroniċi tal-applikazzjonijiet tal-bini u tar-rinnovazzjoni;***

Or. en

Emenda 746

Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Alma Ezcurra Almansa, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji; ***jirrakkomanda li jinħolqu soluzzjonijiet ta' punt uniku ta' servizz, inkluż għall-assistenza konsultattiva, u d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-ħruġ tal-permessi biex titnaqqas il-burokrazija f'konformità mal-Inizjattiva tal-Kummissjoni dwar Finanzjament Intelliġenti għal Binjiet Intelliġenti;***

Or. en

Emenda 747
Klara Dostalova, Julie Rechagneux, Ondřej Knotek, Jaroslav Bžoch, Rachel Blom, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta'	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta'

miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni***, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien*** tal-ambjent***,*** tal-patrimonju ***jew tal-beni ta' natura storika***; ***jistieden*** lill-Kummissjoni ***toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji***;

miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni ***filwaqt li jiżguraw li l-eċċezzjonijiet għall-ħarsien*** tal-ambjent ***u*** tal-patrimonju ***ma jkunux jistgħu jintużaw ħażin biex jostakolaw proġetti tal-akkomodazzjoni; jinsisti fuq l-introduzzjoni ta' skadenzi massimi vinkolanti għall-awtoritajiet tal-ħruġ tal-permessi u fuq id-diġitalizzazzjoni sħiħa tal-proċessi għall-ħruġ tal-permessi madwar l-Istati Membri***; ***jitlob li l-Kummissjoni tappoġġja dawn l-isforzi billi tiġbor u xxerred l-aħjar prattiki, aktar milli tniedi studji ġodda li jkomplu jdewmu l-azzjoni***;

Or. en

Emenda 748
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji; ***jisħaq li tali sistemi għandhom jiżguraw it-trasparenza, inaqqsu d-dewmien amministrattiv, u jiffaċilitaw il-***

kondiviżjoni tad-data fost l-awtoritajiet lokali, l-iżviluppaturi u ċ-ċittadini, filwaqt li jikkonformaw mal-istandards tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data;

Or. en

Emenda 749
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji; ***jisħaq fuq il-ħtieġa ta' proċeduri u deċiżjonijiet ġudizzjarji rapidi relatati mal-ħruġ tal-permessi, il-kostruzzjoni, it-talbiet ambjentali u s-sjieda, sabiex jiġi evitat tilwim legali twil li jdewwem il-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni;***

Or. en

Emenda 750
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut, Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji; ***jistieden lill-Kummissjoni tesplora kif l-Unjoni tista' tappoġġja lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-bliet fl-isforzi tagħhom biex iħaffu l-ippjanar ta' djar affordabbli u sostenibbli, u l-ħruġ tal-permessi għalihom;***

Or. en

Emenda 751
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief

f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;

f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji; ***jitlob li jiġu stabbiliti proċeduri ta' approvazzjoni rapidi għal proġetti ta' akkomodazzjoni meqjusa kritiċi biex jiġu indirizzati nuqqasijiet urġenti, b'mod partikolari fejn l-offerta hija urġenti bħal f'ċentri urbani;***

Or. en

Emenda 752
Oihane Agirregoitia Martínez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jitlob li ***tiġi emendata l-liġi tal-kuntratti biex jitqassru l-iskadenzi; jitlob il-ħolqien ta' forma ta' azzjoni prijoritarja li tippermetti li jibdew jitqassru l-proċeduri;*** jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;

Or. es

Emenda 753
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja dawn ir-riformi permezz ta' assistenza teknika u finanzjament skont il-Programm Ewropa Diġitali u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali;***

Or. en

Emenda 754
Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ

ta’ permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta’ kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f’każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta’ natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta’ ħruġ ta’ liċenzji;	ta’ permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta’ kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f’każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta’ natura storika; ***jitlob li tissaħħaħ il-kapaċità teknika u amministrattiva tal-awtoritajiet lokali sabiex ikunu jistgħu jiġġestixxu l-ippjanar urban u l-proċeduri ta’ ħruġ ta’ liċenzji b’mod aktar effettiv; jistieden*** lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta’ ħruġ ta’ liċenzji;

Or. en

Emenda 755
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta’ permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta’ miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta’ silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta’ permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta’ kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f’każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta’ natura storika;*** jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta’ ħruġ ta’ liċenzji;	7. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta’ ħruġ ta’ liċenzji***, bl-għan li tittejjeb l-effiċjenza filwaqt li jiġi żgurat li tali proċessi jevitaw li jżidu t-teħid tal-art u jibqgħu konsistenti mal-objettiv tal-UE li ma tittieħed l-ebda art netta sal-2050***;

Or. en

Emenda 756

Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti ***jiffaċilitaw*** il-proċessi tal-għoti ta' permessi ***biex jagħmluhom ferm aktar*** rapidi u sempliċi***, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika***; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ***ħruġ ta' liċenzji***;	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti ***jiżguraw*** il-proċessi tal-għoti ta' permessi ***jsiru aktar*** rapidi u sempliċi***; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-istituzzjonijiet responsabbli jiġu pprovduti riżorsi adegwati biex jiżguraw trattament effettiv u f'waqtu tal-applikazzjonijiet***; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji***, inkluża ġabra tal-aħjar prattiki***; ***jissottolinja li l-oqfsa tal-ippjanar huma essenzjali wkoll għas-salvagwardja tal-istandards ambjentali, il-protezzjoni tal-wirt u tal-binjiet storiċi, il-parteċipazzjoni tal-komunità, u l-funzjoni soċjali tal-akkomodazzjoni;***

Or. en

Emenda 757
Irmhild Boßdorf

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar ***rapidi u*** sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent,	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar sempliċi ***permezz tad-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-permessi tal-bini, inkluża sistema online ta' sottomissjoni u traċċar (punt uniku ta' kuntatt), li tippermetti kontrolli awtomatiċi ta' kunflitti regolatorji possibbli, l-implimentazzjoni***

tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; ***jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;***

ta' kontrolli awtomatizzati tal-kompletezza u evalwazzjoni bbażata fuq l-IA bil-validazzjoni tal-bniedem, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika;

Or. en

Emenda 758
Martin Hojsík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri ***bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta'*** permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni***, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika***; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri ***bħal*** permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni ***diġitali***; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;

Or. en

Emenda 759
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji ***b'rispett sħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadini li jgħixu f'ambjent sigur u favorevoli li jippromwovi l-inklużjoni soċjali***;

Or. en

Emenda 760
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, Markus Ferber, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ	7. ***Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi għan li l-permessi tal-akkomodazzjoni jinkisbu fi żmien l-iskadenza ta' 60 jum;*** jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta'

studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;

Or. en

Emenda 761
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Inese Vaidere, Regina Doherty, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni ***toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji***;	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni ***twettaq riežami komprensiv tal-proċeduri tal-permessi tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni fl-Istati Membri kollha, filwaqt li tidentifika l-ostakli u l-aħjar prattiki, bl-għan li jiġu ssimplifikati l-proċessi ta' approvazzjoni għall-proġetti ta' kostruzzjoni***;

Or. en

Emenda 762

Julie Rechagneux, Marie Dauchy, Anne-Sophie Frigout, France Jamet, Mathilde Androuët, Catherine Griset, György Hölvényi, Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Klara Dostalova, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu ***l-ħarsien*** tal-ambjent***,*** tal-patrimonju ***jew tal-beni ta' natura storika***; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu ***miżuri proporzjonati tal-ħarsien*** tal-ambjent ***jew rekwiżiti għall-preżervazzjoni*** tal-patrimonju ***kulturali, arkeoloġiku jew arkitettoniku***; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;

Or. en

Emenda 763
Julie Rechagneux, Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent***,*** ***tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika***; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien ***proporzjonat*** tal-ambjent***, jew ir-rekwiżiti għall-ħarsien tal-wirt kulturali, arkitettoniku jew***

studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	***arkeoloġiku***; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;

Or. fr

Emenda 764
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;	7. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiffaċilitaw il-proċessi tal-għoti ta' permessi biex jagħmluhom ferm aktar rapidi u sempliċi, inkluż permezz ta' miżuri bħall-introduzzjoni tal-prinċipju ta' silenzju amministrattiv pożittiv għall-ħruġ ta' permessi tal-bini għal xogħlijiet ġodda ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, ħlief f'każijiet li jinvolvu ***s-sikurezza tal-persuni,*** l-ħarsien tal-ambjent, tal-patrimonju jew tal-beni ta' natura storika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ studju li jevalwa l-kawżi taż-żmien eċċessiv meħtieġ biex jinkisbu l-permessi u jgħaddu minn proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji;

Or. en

Emenda 765
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7a. Jemmen li l-kunċett ta' akkomodazzjoni "affordabbli" għandu jimxi id f'id ma' akkomodazzjoni "sostenibbli" u "deċenti", peress li dawn it-tliet kunċetti huma inseparabbli, kif diġà minqux fid-Dikjarazzjoni ta' Liege dwar "L-aċċessibbiltà tal-akkomodazzjoni fl-UE", iffirmata fil-5 ta' Marzu 2024 mill-Ministri għall-Akkomodazzjoni tal-Istati Membri tal-UE; iqis kruċjali li l-politiki tal-akkomodazzjoni kollha tal-UE u dawk nazzjonali għandhom jinkorporaw dawn it-tliet kunċetti b'mod konġunt, u jpoġġuhom fil-qalba tal-ewwel Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli li qatt sar;

Or. en

Emenda 766
Rachel Blom, Julie Rechagneux, Klara Dostalova, Mathilde Androuët

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni, meta tirrevedi u timplimenta l-leġiżlazzjoni ambjentali, inkluża d-Direttiva Ewropea dwar il-Ħabitats, tqis il-ħtieġa li jiġu aċċelerati l-proġetti tal-akkomodazzjoni; jisħaq li l-Istati Membri għandhom jingħataw il-flessibbiltà li jwettqu proġetti għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni affordabbli mingħajr dewmien eċċessiv minħabba l-proċedimenti legali;

Or. nl

Emenda 767
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu perjodi massimi statutorji ta' deċiżjoni għall-ippjanar u l-ħruġ tal-permessi sa 16-il ġimgħa għal applikazzjonijiet standard, 30 ġimgħa għal skemi akbar u korsiji rapidi għall-konverżjonijiet, l-iżviluppi tal-appartamenti, ir-rinnovazzjonijiet u l-proġetti f'żoni ta' żvilupp strateġiku;

Or. en

Emenda 768
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu aktar inċentivi għar-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjoni mitluqa u jenfasizza l-fatt li l-proċess ta' applikazzjoni għandu jibqa' sempliċi, u l-akkomodazzjoni rinnovata għandha sussegwentement tkun disponibbli l-ewwel għal dawk fuq il-listi ta' stennija għal akkomodazzjoni jew għax-xerrejja għall-ewwel darba;

Or. en

Emenda 769
Gaetano Pedulla'
f'isem il-Grupp The Left
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Ifakkar li l-Istati Membri għandhom obbligi ta' parteċipazzjoni pubblika kemm skont id-dritt tal-Unjoni kif ukoll skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus u jafferma l-importanza ta' dawn l-obbligi u proċess ta' ppjanar parteċipattiv fil-forniment ta' akkomodazzjoni u komunitajiet sostenibbli;

Or. en

Emenda 770
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Istati Membri jadattaw approċċ ġdid u jiffinanzjaw b'mod xieraq ir-rinnovazzjoni tal-proprjetà għall-akkomodazzjoni f'żoni tradizzjonalment iddisinjati għall-użu kummerċjali, sabiex il-proprjetà "fuq il-ħanut" fis-sulari ta' fuq tintuża bis-sħiħ biex tissodisfa l-ħtiġijiet urġenti ta' akkomodazzjoni lokali f'dawn il-komunitajiet;

Or. en

Emenda 771
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-ħtiġijiet urġenti tax-

xerrejja għall-ewwel darba u tal-koppji mingħajr post fejn jgħixu billi jadattaw approċċ flessibbli għar-regolamenti ta' konservazzjoni li jridu jiġu rrispettati f'xi żoni muniċipali, filwaqt li jiżguraw li l-kostijiet ma jiżdidux minħabba regolamentazzjoni żejda dwar it-tiġdid ta' karatteristiċi preċedenti tad-disinn tal-binja;

Or. en

Emenda 772
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jemmen li l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi;*** jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li ***jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika, iżda wkoll fuq iż-żieda fl-offerta tal-akkomodazzjoni***;	8. Jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku***; jitlob, bħala kwistjoni ta' prijorità, aċċess dirett għall-finanzjament pubbliku, b'mod partikolari permezz ta' għotjiet, għar-rinnovazzjonijiet tal-akkomodazzjoni għall-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli affettwati mill-faqar enerġetiku kif ukoll li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali, sabiex jiġu koperti l-kostijiet bil-quddiem relatati; jissottolinja li dan l-approċċ jinvolvi benefiċċji soċjoekonomiċi u ambjentali ċari mir-redditu fuq l-investimenti rikonoxxuti f'diversi atti leġiżlattivi rilevanti ewlenin, b'mod partikolari skont id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPBD)***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni***; jitlob li d-demokrazija tal-enerġija tiġi inkorporata bis-sħiħ fil-politika tal-akkomodazzjoni; jemmen li l-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli jrid jippromwovi b'mod espliċitu s-sjieda u l-**

parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tal-komunitajiet fit-tranżizzjoni tal-enerġija, filwaqt li ***jiżgura l-aċċess għal djar rinnovabbli u affordabbli effiċjenti fl-użu tal-enerġija bħala dritt ta' akkomodazzjoni; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jintegraw il-mudelli tal-enerġija taċ-ċittadini, bħall-komunitajiet tal-enerġija, fil-pjanijiet ta' akkomodazzjoni nazzjonali tagħhom u jiggarantixxu proċessi parteċipattivi tan-nies f'kull rinnovazzjoni;***

Or. en

Emenda 773
Julie Rechagneux, Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jemmen li l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika, iżda wkoll fuq iż-żieda fl-offerta tal-akkomodazzjoni;	8. Jemmen li l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi ***bejn l-operaturi Ewropej u dawk mhux Ewropej, bejn l-intrapriżi żgħar u kbar, u bejn il-ħaddiema u l-intrapriżi fil-qasam tal-kostruzzjoni fl-Unjoni, b'mod partikolari billi tipprevjeni d-dumping soċjali u ambjentali*** u ***billi*** tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku***, l-indiċenza u l-inadegwatezza fl-istokkijiet tad-djar***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika ***u l-moderazzjoni tal-kostijiet ta' rinnovazzjoni***, iżda wkoll fuq iż-żieda fl-offerta tal-akkomodazzjoni; ***jitlob li, fil-programmi ta' rinnovazzjoni, jinżammu dawk il-miżuri biss li l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom tul iċ-ċiklu kollu***

tal-ħajja turi redditu fuq l-investiment sostenibbli għall-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari permezz ta' tnaqqis verifikabbli u sostenibbli fl-infiq fuq l-enerġija u fir-riskji għas-saħħa relatati ma' akkomodazzjoni fqira;

Or. fr

Emenda 774
Julie Rechagneux, Marie Dauchy, Anne-Sophie Frigout, France Jamet, Mathilde Androuët, Catherine Griset, Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Klara Dostalova, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jemmen li l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika, iżda wkoll fuq iż-żieda fl-offerta tal-akkomodazzjoni;	8. Jemmen li l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi***, bejn l-operaturi Ewropej u dawk mhux Ewropej, bejn l-intrapriżi żgħar u kbar, kif ukoll bejn il-ħaddiema fil-qasam tal-kostruzzjoni u l-kumpaniji tal-bini fl-Unjoni,*** u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku***, u jiġu indirizzati kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni inferjuri u inadegwati***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika, ***u l-moderazzjoni tal-kostijiet tar-rinnovazzjoni,*** iżda wkoll fuq iż-żieda fl-offerta tal-akkomodazzjoni; ***jitlob li l-programmi ta' rinnovazzjoni jinkludu biss dawk il-miżuri li għalihom analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji tul iċ-ċiklu tal-ħajja turi redditu sostenibbli fuq l-investiment għall-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari permezz ta' tnaqqis verifikabbli u dejjiemi fin-nefqa fuq l-enerġija u fir-riskji għas-saħħa assoċjati***

ma' kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni inadegwati;

Or. en

Emenda 775
Irmhild Boßdorf, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jemmen li l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi; ***jitlob li jsiru aktar sforzi*** biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa*** ta' Rinnovazzjoni ***tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika, iżda wkoll fuq iż-żieda fl-offerta tal-akkomodazzjoni***;	8. Jemmen li l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi; ***jenfasizza li l-miżuri*** biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku ***huma primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u jridu jiġu implimentati f'konformità mal-istrateġiji nazzjonali tagħhom; jieħu nota tal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-hekk imsejħa "mewġa*** ta' rinnovazzjoni***" fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku, jirrifjuta madankollu l-implimentazzjoni obbligatorja u komprensiva tagħha, peress li din tinvolvi pożijiet finanzjarji sinifikanti għas-sidien, għall-kerrejja u għall-gvern estiż u tinterferixxi b'mod profond mar-responsabbiltajiet nazzjonali; iwissi li obbligu ta' rinnovazzjoni għall-Unjoni kollha la huwa soċjalment u lanqas ekonomikament sostenibbli u jista' jaggrava aktar in-nuqqas ta' akkomodazzjoni f'ħafna Stati Membri; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tevita li timplimenta aktar il-mewġa ta' rinnovazzjoni***;

Or. de

Emenda 776

Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jemmen li ***l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi***; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika, iżda wkoll fuq ***iż-żieda*** fl-offerta tal-akkomodazzjoni;	8. Jemmen li ***r-riżorsi tal-UE għandhom ikunu diretti lejn l-indirizzar tal-esklużjoni mill-akkomodazzjoni u l-iżgurar ta' akkomodazzjoni affordabbli, deċenti u sostenibbli għal kulħadd***; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika ***u d-dekarbonizzazzjoni***, iżda wkoll fuq ***il-ġustizzja soċjali u ż-żieda*** fl-offerta tal-akkomodazzjoni ***affordabbli u soċjali, it-titjib tal-kwalità tal-ħajja, u l-protezzjoni tal-kerrejja mill-ispostament, it-telf tad-drittijiet u ż-żidiet eċċessivi fil-kera matul ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, kif ukoll l-iżgurar li r-rinnovazzjonijiet tal-abitazzjonijiet iffinanzjati pubblikament jiġu protetti minn bejgħ u spekulazzjoni immedjati***;

Or. en

Emenda 777
Nils Ušakovs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jemmen li l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi; jitlob li jsiru	8. Jemmen li l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi; jitlob li jsiru

aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika, iżda wkoll fuq iż-żieda fl-offerta tal-akkomodazzjoni;	aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika, iżda wkoll fuq iż-żieda fl-offerta tal-akkomodazzjoni; ***jistieden b'mod speċifiku lill-Istati Membri li qed jaffaċċjaw konċentrazzjonijiet għoljin ta' binjiet b'diversi sulari b'effiċjenza baxxa u standardizzata biex jiżviluppaw mekkaniżmi finanzjarji u amministrattivi mmirati u fuq skala kbira li jippermettu li r-rati annwali ta' rinnovazzjoni meħtieġa jilħqu l-miri tal-UE, minħabba l-kost għoli għal kull binja tal-iżolazzjoni termali u ta' rinnovazzjoni kbira;***

Or. en

Emenda 778
Marco Falcone, Flavio Tosi, Caterina Chinnici, Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Salvatore De Meo, Giusi Princi, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jemmen li l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika, iżda wkoll fuq iż-żieda fl-offerta tal-akkomodazzjoni;	8. Jemmen li l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika, iżda wkoll fuq iż-żieda fl-offerta tal-akkomodazzjoni ***u t-tnaqqis tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni fit-tul***; ***jisħaq fuq l-importanza li jiġu stabbiliti***

allokazzjonijiet speċifiċi ta' rinnovazzjoni fil-Pjan għal Akkomodazzjoni Affordabbli li jmiss biex tingħata prijorità lir-rinnovazzjoni profonda tal-binjiet l-aktar ineffiċjenti fl-enerġija, inklużi s-sostituzzjoni tat-twieqi u mižuri oħra b'impatt għoli;

Or. en

Emenda 779
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jemmen li l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika, iżda wkoll fuq iż-żieda fl-offerta tal-akkomodazzjoni;	8. Jemmen li l-UE għandha żżomm kundizzjonijiet ekwi u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw bis-sħiħ l-istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Kummissjoni fil-politiki tal-akkomodazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-rinnovazzjoni tal-bini ma tkunx iffukata biss fuq l-effiċjenza enerġetika, iżda wkoll fuq iż-żieda fl-offerta tal-akkomodazzjoni; ***jissottolinja li permezz tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti se jkunu jistgħu jwettqu valutazzjoni ambjentali unika u jlestu l-passi amministrattivi u proċedurali meħtieġa għal żona ġeografika partikolari qabel l-iżvilupp ta' proġetti residenzjali;***

Or. en

Emenda 780
Johan Danielsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jappella għal Evalwazzjoni tal-Affordabbiltà tal-Akkomodazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u għal Valutazzjoni tal-Impatt tal-Affordabbiltà għall-Akkomodazzjoni, wara konsultazzjonijiet pubbliċi, dwar proposti leġiżlattivi ġodda fl-istess qasam kif ukoll regoli mmirati dwar id-diliġenza dovuta għall-impriżi finanzjarji bi klassijiet ta' assi tal-akkomodazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu analiżi strutturali tal-iżbilanċ tal-poter bejn is-sidien tal-kera u l-kerrejja, bl-għan li jissaħħu l-protezzjonijiet tal-kerrejja, tiġi promossa s-sigurtà tal-kera fit-tul u jiġu pprevenuti prattiki abbużivi; jisħaq li tali evalwazzjonijiet għandhom jinvolvu b'mod attiv lill-persuni li jesperjenzaw tbatija relatata mal-akkomodazzjoni biex jiġi żgurat li l-politiki jirriflettu r-realtajiet tal-ħajja u jirrispondu għall-ħtiġijiet reali;

Or. en

Emenda 820
Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García, Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jissottolinja li l-proliferazzjoni tal-istandards ambjentali, bħaċ-Ċertifikat tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija (EPC), jista' jkollha impatt negattiv kemm fuq is-suq tal-kiri kif ukoll fuq is-swieq tal-proprjetà; jesprimi tħassib dwar id-diskrepanzi u l-inkonsistenzi fil-metodi ta' kalkolu u t-tikkettar enerġetiku tal-bini residenzjali li ma jirriflettux b'mod preċiż ir-rendiment reali tal-proprjetajiet fl-użu tal-enerġija; iwissi dwar il-konsegwenzi possibbli ta' tali tikkettar, li jista' jwassal lil ħafna sidien, speċjalment dawk tal-klassi medja u tal-ħaddiema, biex jitilfu l-użu tal-proprjetà tagħhom u/jew il-valur tal-investiment tagħhom, peress li din tista' ma tibqax tinkera jew tinbiegħ; jisħaq li din l-inflazzjoni regolatorja awtomatikament twassal għal kostijiet ogħla kemm għall-kerrejja kif ukoll għax-xerrejja tal-proprjetà;

Or. en

Emenda 821
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-proliferazzjoni mhux ikkontrollata ta' kirjiet għat-turisti għal żmien qasir biddlet l-akkomodazzjoni f'qasam spekulattiv, li

ċċaħħad eluf ta' ċittadini milli jkollhom aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli; jisħaq li l-pjattaformi tat-tip Airbnb jeħtiġilhom ikunu soġġetti għal regoli stretti dwar it-trasparenza, il-liċenzjar lokali u l-awditjar tat-taxxa; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi limiti obbligatorji speċifiċi għaż-żona għall-akkomodazzjoni għall-kiri għal żmien qasir, billi tagħti prijorità lill-ħtiġijiet tar-residenti pjuttost milli d-domandi tal-pjattaformi tat-turiżmu, filwaqt li jiġi żgurat li r-regolamenti Ewropej ġodda dwar il-kiri għal żmien qasir jagħtu prijorità lill-protezzjoni tad-dritt għal akkomodazzjoni aktar milli l-interessi kummerċjali tal-kumpaniji diġitali;

Or. el

Emenda 822
Aodhán Ó Ríordáin, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, toħloq "żoni tas-suq tad-djar taħt stress", li taħthom, żoni ddikjarati li huma taħt stress fis-suq residenzjali, li qed jesperjenzaw diffikultajiet dejjem akbar fl-iżgurar ta' aċċess għal akkomodazzjoni deċenti affordabbli u l-manutenzjoni tagħha, ikunu jistgħu jibbenefikaw minn oqfsa u għodod regolatorji speċifiċi, bħal investiment dirett straordinarju f'akkomodazzjoni affordabbli, regolamentazzjoni tal-kera, protezzjoni kontra l-iżgumbrament u l-ispostament jew drittijiet preferenzjali ta' akkwist, biex jiġu indirizzati l-isfidi urġenti tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 823
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi t-tneħħija ta' kwalunkwe vantaġġ tat-taxxa bħal tranżazzjonijiet fl-ishma għall-investituri tal-proprjetà u l-kumpaniji;

Or. en

Emenda 824
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jappella għal żieda, espansjoni u estensjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima, bil-Kummissjoni li għandha tiggwida lill-Istati Membri biex jallokaw appoġġ għar-rinnovazzjonijiet għal unitajiet domestiċi vulnerabbli u foqra fl-enerġija, peress li l-binjiet b'livell baxx ta' rendiment huma waħda mill-kawżi ewlenin tal-faqar enerġetiku; iqis li huwa ta' importanza kbira l-użu tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima għal investimenti fir-rinnovazzjoni aktar milli għal miżuri ta' kumpens fuq terminu qasir fuq il-kontijiet, li mhumiex se jindirizzaw il-kawża ewlenija tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija;

Or. en

Emenda 825
Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García, Ondřej Krutílek, Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jisħaq li d-Direttivi EPBD u ETS2 jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kostijiet tal-akkomodazzjoni u s-sjieda tad-djar, b'mod partikolari f'żoni rurali u inqas popolati; jistieden lill-Kummissjoni tirriežamina ż-żewġ direttivi u temendahom biex ittaffi l-impatti negattivi, inkluż billi tillimita l-prezz tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-ETS2, u timmobilizza l-programmi u l-istrumenti finanzjarji kollha disponibbli tal-UE biex tgħin liċ-ċittadini li ma għandhomx il-mezzi finanzjarji għal investimenti għaljin;

Or. en

Emenda 826
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9d. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura, skont id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, monitoraġġ, skrutinju u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż effettivi għall-Istati Membri bl-għan li jiġu żviluppati malajr Pjanijiet Nazzjonali ta' Rinnovazzjoni tal-Bini (NBRPs) inklużivi, li jikkontribwixxu għat-titjib tal-livelli medji tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tas-settur tal-akkomodazzjoni residenzjali, lejn l-ilħuq

tal-mira tan-newtralità klimatika għall-binjiet, filwaqt li tingħata prijorità lil dawk bl-aqħar rendiment; jitlob l-allinjament tal-NBRPs mal-pjanijiet skont id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika kif ukoll mal-Pjanijiet Soċjali Nazzjonali għall-Klima sabiex jitwettaq approċċ ikkoordinat fid-dekarbonizzazzjoni tal-binjiet bl-aktar mod ambizzjuż u inklużiv;

Or. en

Emenda 827
Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García, Stefano Cavedagna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9d. Ifakkar li l-kiri tad-djar jibqa' essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' porzjon kbir tal-popolazzjoni u jiġu pprovduti opportunitajiet għas-sidien; jistieden lill-Istati Membri jipproponu miżuri fiskali, bħala inċentivi fiskali, biex jinkoraġġixxu lis-sidien ta' aktar minn proprjetà waħda jew ta' proprjetajiet battala jagħmluhom disponibbli għall-kiri fit-tul, b'mod partikolari f'żoni urbani taħt pressjoni u jiżguraw garanziji jew mekkaniżmi ta' assigurazzjoni adegwati għal dawk is-sidien tal-kera li ma jikrux minħabba l-biża' li ma jitħallsux;

Or. en

Emenda 828
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9e. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw ir-"rwol eżemplari tal-korpi pubbliċi" u l-mira annwali ta' rinnovazzjoni relatata ta' 3 % imposta mid-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, filwaqt li jiżguraw li l-korpi pubbliċi jkollhom il-kapaċità meħtieġa biex jilħqu din il-mira jew jaqbżuha, billi pereżempju jillimitaw il-lakuni, li huwa ta' importanza kbira speċjalment fir-rigward ta' binjiet ta' proprjetà pubblika bi skop soċjali;

Or. en

Emenda 829
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9f. Jappella għall-ħolqien ta' qafas ta' abilitazzjoni b'saħħtu u inklużiv biex jiġi żgurat li l-proġetti ta' rinnovazzjoni tal-enerġija jsiru aktar aċċessibbli u estiżi permezz, fost l-oħrajn, ta' assistenza teknika u servizzi ta' konsulenza kif ukoll strumenti li jistgħu jtejbu l-assorbiment tal-finanzjament; jappella għal miżuri li jappoġġjaw in-newtralità tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni bħala prinċipju fejn il-kost ġenerali għall-kerrejja jibqa' l-istess anke wara r-rinnovazzjonijiet, speċjalment jekk dawn tal-aħħar isiru permezz ta' fondi pubbliċi, kif ukoll biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-kerrejja minn "żgumbramenti minħabba xogħlijiet ta' rinnovazzjoni", li jistgħu jseħħu meta sid ta' proprjetà jibgħat avviż ta' żgumbrament, filwaqt li jagħmel referenza għall-ħtieġa ta' rinnovazzjonijiet kbar;

Or. en

Emenda 830
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9g. Jappella għal traspożizzjoni armonizzata u ġusta tad-dispożizzjonijiet tal-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa u l-Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li jiggarantixxu d-drittijiet taċ-ċittadini u tal-komunità għall-produzzjoni, is-sjieda u l-kondiviżjoni tal-enerġija, filwaqt li jipproteġuhom kontra l-manipulazzjoni korporattiva; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw l-aċċess sħiħ għall-awtokonsum tal-enerġija rinnovabbli, il-kondiviżjoni tal-enerġija jew il-parteċipazzjoni fil-komunitajiet tal-enerġija għar-residenti tal-akkomodazzjoni soċjali, b'appoġġ tekniku u finanzjarju ddedikat għal proġetti ta' rinnovazzjoni mmexxija miċ-ċittadini, tisħin u tkessiħ immexxija mill-komunità u l-effiċjenza enerġetika;

Or. en

Emenda 831
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9h. Jappella għal appoġġ imsaħħaħ għall-inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida, li għandha l-għan li tgħaqqad il-Patt Ekoloġiku Ewropew mal-ispazji tal-għajxien u l-esperjenzi, bl-ambizzjoni tal-

UE li toħloq postijiet, prodotti u modi ta' għajxien sbieħ, sostenibbli u inklużivi, abbażi ta' tliet valuri: is-sostenibbiltà, l-estetika u l-inklużjoni;

Or. en

Emenda 832
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9i. Jesprimi dispjaċir kbir għall-fatt li s-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għall-Bini u għat-Trasport (ETS2) tqieset bħala l-istrument primarju għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport, għad-detriment ta' standards vinkolanti ambizzjużi; jinnota l-piż inaċċettabbli li dan l-approċċ ipoġġi fuq l-unitajiet domestiċi peress li se jaffettwa b'mod sproporzjonat lis-sidien tal-kera, lill-kerrejja u lill-komunitajiet vulnerabbli b'introjtu baxx li diġà jsibuha diffiċli biex ikopru l-kostijiet bażiċi; jenfasizza r-riskji li jiġu aggravati l-inugwaljanzi soċjali kif ukoll li jiġi mminat l-appoġġ pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika; jenfasizza li investiment addizzjonali u miżuri regolatorji, bħad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPBD), huma kruċjali biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE mingħajr ma jitgħabbew iżżejjed iċ-ċittadini u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu dawk il-miżuri u jipprovdu l-appoġġ finanzjarju u tekniku meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta qabel tmiem l-2026 proposta biex tipprevjeni l-faqar enerġetiku għaċ-ċittadini, inkluż pakkett soċjali dwar il-klima u tiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes

iħallas;

Or. en

Emenda 833
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9j. Jitlob appoġġ finanzjarju ddedikat fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għall-komunitajiet tal-enerġija, li jibni fuq strumenti bħall-Faċilità għall-Komunitajiet tal-Enerġija, bl-użu ta' kriterji soċjali fil-prattiki tal-akkwist pubbliku u jipprovdi primjums addizzjonali għal dawk il-proġetti li jinvolvu gruppi vulnerabbli u akkomodazzjoni soċjali jew għal ċittadini li qegħdin f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku; jitlob appoġġ għas-sħubijiet bejn il-muniċipalitajiet u ċ-ċittadini pubbliċi biex jitwettqu proġetti ta' rinnovazzjoni profonda u ta' enerġija rinnovabbli, speċjalment f'viċinati li mhumiex moqdijin tajjeb;

Or. en

Emenda 834
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Intestatura 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-materjali tal-kostruzzjoni	***Il-materja prima u l-prodotti*** tal-kostruzzjoni

Or. en

Emenda 835
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Intestatura 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-materjali tal-kostruzzjoni	***Il-prodotti*** tal-kostruzzjoni

Or. en

Emenda 836
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9k (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9k. Jitlob li jiġu applikati l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari bħala elementi ewlenin tal-Istrateġija Ewropea għall-Kostruzzjoni tal-Akkomodazzjoni li jmiss, li se tifforma parti mill-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli; jemmen li huma meħtieġa soluzzjonijiet innovattivi biex tinkiseb akkomodazzjoni affordabbli u jiġi żgurat stokk tal-bini li jibqa' validu fil-futur, soluzzjoni waħda tkun il-prefabbrikazzjoni jew il-kostruzzjoni mhux fuq il-post għar-rinnovazzjoni, jiġifieri l-metodu ta' kostruzzjoni li jinvolvi l-produzzjoni u d-disinn ta' komponenti strutturali tal-bini f'ambjent ta' fabbrika, li mbagħad jiġu installati fuq il-post, aktar milli jinbnew fuq il-post; jissottolinja li l-prefabbrikazzjoni industrijali tista' tnaqqas iż-żmien għall-kostruzzjoni bi 20-50 % u b'hekk it-tfixkil assoċjat, kif ukoll toħloq iffrankar sinifikanti tal-enerġija u

tal-kostijiet;

Or. en

Emenda 837
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9l (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9l. Jitlob li jiġi żgurat li kemm il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli kif ukoll l-Istrateġija Ewropea għall-Kostruzzjoni tal-Akkomodazzjoni jappoġġjaw il-ħolqien ta' politika industrijali koerenti li tixpruna ekosistema tal-bini effiċjenti, li tgħin lill-Istati Membri jisfruttaw il-benefiċċji kollha ta' ekonomija effiċjenti fl-użu tal-enerġija; huwa konvint bis-sħiħ dwar l-importanza kbira li tiġi permessa ċ-ċirkolarità tal-materjali u reżiljenza akbar tas-settur tal-bini, f'termini, fost l-oħrajn, ta' rekwiżiti tad-disinn biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid u t-tisħiħ tal-akkwist lokali tal-materjali tal-bini;

Or. en

Emenda 838
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista*** ta' materjali tal-kostruzzjoni***, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż***;	10. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissanzjonaw bil-qawwa kwalunkwe attitudni antikompetittiva meħuda mill-partijiet ikkonċernati rilevanti, li jinstabu li jgħollu l-prezzijiet*** ta' materjali tal-kostruzzjoni***; jemmen li,***

sabiex il-prezzijiet għall-materjali tal-bini tal-akkomodazzjoni fi proġetti ffinanzjati pubblikament jinżammu taħt kontroll, iridu jiġu applikati sorveljanza pubblika stretta kif ukoll kundizzjonalitajiet b'saħħithom fl-ambitu tal-akkwist pubbliku, inklużi l-kostijiet massimi permissibbli tal-kostruzzjoni għal kull metru kwadru u limiti massimi fuq il-kirjiet netti, li indirettament ipoġġu pressjoni fuq id-dixxiplina tal-kostijiet matul il-proċess kollu tal-iżvilupp u joħolqu ostaklu naturali kontra l-ipprezzar eċċessiv, u b'hekk jipprevjenu l-manipulazzjoni 'l fuq artifiċjali xprunata mill-profitt tal-ipprezzar għall-materjali tal-bini tad-djar;

Or. en

Emenda 839
Klara Dostalova, Julie Rechagneux, Ondřej Knotek, Jaroslav Bžoch, Rachel Blom, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż;	10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż; ***jisħaq li rapport bħal dan għandu jwassal għal proposti konkreti għad-deregolamentazzjoni u t-tneħħija ta' burokrazija bla bżonn aktar milli jibqa' eżerċizzju ġenerali; jissottolinja l-importanza li jiġu appoġġjati l-produtturi lokali u Ewropej ta' materjali tal-kostruzzjoni biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjoni u tissaħħaħ l-awtosuffiċjenza; jenfasizza li l-awtonomija strateġika fis-settur tal-kostruzzjoni hija essenzjali sabiex il-***

provvista tal-akkomodazzjoni ma tinżammx ostaġġ tat-tfixkil fil-katina tal-provvista globali;

Or. en

Emenda 840
Martin Hojsík, Brigitte van den Berg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar ***il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz*** u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li ***tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż***;	10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar ***fatturi jew ostakli li jaffettwaw il-prezz*** u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li ***ttejjeb l-aċċess għall-materjali tal-kostruzzjoni, inkluż permezz ta' bidliet leġiżlattivi; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' suq uniku unifikat fil-materjali tal-prodotti għall-bini u jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-espansjoni ta' prodotti innovattivi u sostenibbli u l-aċċessibbiltà tagħhom fl-Istati Membri kollha, inkluż permezz tat-28 reġim***;

Or. en

Emenda 841
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj, Johan Danielsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu	10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu

għal żidiet fl-ispejjeż;

għal żidiet fl-ispejjeż; ***jitlob skrutinju partikolari tal-kompetizzjoni fis-settur tal-materjali tal-kostruzzjoni, minħabba l-konċentrazzjoni u d-distorsjonijiet potenzjali tiegħu; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-użu ċirkolari tal-materjali u l-produzzjoni sostenibbli;***

Or. en

Emenda 842
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż;	10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż; ***jitlob lill-Kummissjoni tistudja l-impatt tad-dazji tal-importazzjoni fuq is-sigurtà tal-provvista u l-prezzijiet ta' materjali essenzjali tal-bini meħtieġa għas-settur tal-kostruzzjoni, u tesplora swieq ġodda għal materjali bħal dawn;***

Or. en

Emenda 843
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż;	10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż; ***jappella għall-promozzjoni ta' ftehimiet strateġiċi ma' pajjiżi terzi u għat-tisħiħ tas-Suq Uniku għall-materja prima essenzjali għas-settur tal-akkomodazzjoni;***

Or. en

Emenda 844
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż;	10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż; ***mingħajr benefiċċji soċjali, ekonomiċi jew ambjentali, u li jirrakkomandaw miżuri li jappoġġjaw il-kompetittività tas-settur tal-kostruzzjoni;***

Or. en

Emenda 845
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż;	10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż; ***jitlob l-implimentazzjoni malajr tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini (2024/3110);***

Or. en

Emenda 846
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż;	10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż***, f'konformità sħiħa mal-istandards ambjentali u soċjali applikabbli***;

Or. en

Emenda 847
Brigitte van den Berg, Barry Cowen, Martin Hojsík, Oihane Agirregoitia Martínez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ ***rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz*** u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika***, tirrevedi u tneħħi*** fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż;	10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ ***analiżi tal-kawżi differenti li jaffettwaw il-prezz*** u l-provvista ta' materjali tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika ***u tindirizza, f'konformità mal-kompetenzi tal-UE u l-prinċipji tas-sussidjarjetà,*** fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż;

Or. en

Emenda 848
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' ***materjali*** tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż;	10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' ***materja prima u prodotti*** tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż;

Or. en

Emenda 849
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' ***materjali*** tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż;	10. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ rapport dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li taffettwa l-prezz u l-provvista ta' ***prodotti*** tal-kostruzzjoni, bl-għan li tidentifika, tirrevedi u tneħħi fatturi li jikkontribwixxu għal żidiet fl-ispejjeż;

Or. en

Emenda 850
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' armonizzazzjoni tal-acquis tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini għas-siment u l-konkrit jippermetti innovazzjoni ġenwina u aċċess għas-suq għal teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; jinnota li t-talbiet attwali ta' standardizzazzjoni jeskludu ċerti soluzzjonijiet ġodda, u joħolqu ostakli għall-SMEs; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taċċelera l-armonizzazzjoni ta' standards konkreti u tistabbilixxi rotot ta' ċertifikazzjoni aktar rapidi fl-UE kollha biex tappoġġja l-kostruzzjoni u l-kompetittività sostenibbli;

Or. en

Emenda 851
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura protezzjonijiet aktar b'saħħithom għall-unitajiet domestiċi affettwati minn materjali tal-bini difettużi, filwaqt li tirrikonoxxi l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi serji tagħhom, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq is-saħħa tan-nies;

jissottolinja r-responsabbiltà tal-awtoritajiet u tal-industrija li jiżguraw obbligu ta' rendikont u standards għoljin fil-kostruzzjoni, u jisħaq fuq il-ħtieġa ta' salvagwardji fil-livell tal-UE biex jipproteġu lill-konsumaturi;

Or. en

Emenda 852
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jisħaq li l-effiċjenza fl-enerġija tal-akkomodazzjoni trid tkun marbuta mal-ġustizzja soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffinanzjaw programmi ta' rinnovazzjoni estensiva tal-akkomodazzjoni għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, filwaqt li jiġi żgurat li l-kostijiet tat-tranżizzjoni ekoloġika ma jpoġġux piż fuq il-gruppi b'introjtu baxx;

Or. el

Emenda 853
Klara Dostalova, Julie Rechagneux, Ondřej Knotek, Jaroslav Bžoch, Rachel Blom, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. iħeġġeġ lill-Istati Membri jwettqu proġetti pilota ta' kostruzzjoni industrijalizzata, modulari u mhux fuq il-post biex jaċċeleraw il-konsenja u jnaqqsu l-kostijiet, filwaqt li jiżguraw standards ta'

kwalità u sikurezza; jinnota evidenza li l-metodi industrijalizzati jistgħu jqassru b'mod sostanzjali ż-żminijiet għall-kostruzzjoni u jgħinu biex jiġu indirizzati l-lakuni fil-provvista;

Or. en

Emenda 854
Marco Falcone, Flavio Tosi, Caterina Chinnici, Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Salvatore De Meo, Giusi Princi, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jisħaq li s-sikurezza kontra n-nirien għandha titqies bħala pilastru fundamentali tal-politiki tal-akkomodazzjoni tal-Unjoni, flimkien mal-affordabbiltà, is-sostenibbiltà u l-effiċjenza enerġetika, sabiex jiġu protetti l-ħajjiet tal-bniedem u tiġi żgurata r-reżiljenza tal-istokk ta' akkomodazzjoni tal-UE;

Or. en

Emenda 855
Ciaran Mullooly, Brigitte van den Berg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jenfasizza l-importanza tas-sikurezza kontra n-nirien u jħeġġeġ li din għandha tkun kunsiderazzjoni ewlenija fil-politika tal-akkomodazzjoni tal-UE, is-sikurezza kontra n-nirien hija kruċjali fil-ġlieda biex jiġu protetti l-ħajjiet u tiġi żgurata r-reżiljenza tal-istokk ta' akkomodazzjoni tal-UE;

Or. en

Emenda 856
Brigitte van den Berg, Barry Cowen, Martin Hojsík, Oihane Agirregoitia Martínez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jenfasizza l-importanza li l-UE ssaħħaħ is-sovranità industrijali tagħha fis-settur tal-kostruzzjoni u li toħroġ b'miżuri li jidentifikaw u jindirizzaw il-lakuni fil-katina tal-produzzjoni tal-kostruzzjoni;

Or. en

Emenda 857
Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García, Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-użu ta' materjali tal-kostruzzjoni prodotti fl-Unjoni Ewropea, u b'hekk jappoġġjaw il-ħolqien tal-impjiegi lokali u jtejbu l-kompetittività tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 858
Brigitte van den Berg, Barry Cowen, Martin Hojsík, Oihane Agirregoitia Martínez, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jisħaq fuq l-importanza li jittejbu s-sostenibbiltà u d-durabbiltà tal-binjiet Ewropew, li tiġi inċentivata r-rinnovazzjoni sostenibbli u durabbli filwaqt li jitqiesu kif xieraq is-sitwazzjonijiet u r-restrizzjonijiet li jaffaċċjaw l-unitajiet domestiċi li jgħixu f'akkomodazzjoni li teħtieġ rinnovazzjoni, jitlob li l-abitazzjonijiet il-ġodda jissodisfaw standards ta' kwalità għolja dwar l-iżolazzjoni, l-effiċjenza enerġetika, il-kwalità tal-arja ta' ġewwa u s-sikurezza kontra n-nirien;

Or. en

Emenda 859
Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Alessandro Ciriani, Lara Magoni, Nora Junco García, Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi klawżoli ta' oriġini minimi għal proġetti kofinanzjati mill-UE fis-settur tal-kostruzzjoni sostenibbli, li jistabbilixxu kwoti minimi ta' komponenti "Magħmul fl-UE", u tniedi programmi ta' appoġġ għall-konverżjoni industrijali, ir-riċerka u l-investiment fil-katina tal-valur Ewropea;

Or. en

Emenda 860
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jitlob koordinazzjoni aħjar fil-livell tal-UE biex tiżdied is-sikurezza kontra n-nirien fl-Istati Membri; jenfasizza l-valur miżjud li l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE tista' tipprovdi fit-tisħiħ tal-isforzi tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 861
Brigitte van den Berg, Barry Cowen, Martin Hojsík, Oihane Agirregoitia Martínez, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Iwissi kontra l-provvista baxxa ħafna ta' abitazzjonijiet aċċessibbli u l-effetti detrimentali li għandha fuq l-integrazzjoni soċjoekonomika tal-persuni b'diżabbiltà u l-kapaċità li jgħixu b'mod indipendenti, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-provvista f'abitazzjonijiet aċċessibbli u jistabbilixxu mekkaniżmi li jiżguraw proporzjon suffiċjenti ta' akkomodazzjoni aċċessibbli f'kostruzzjonijiet ġodda, mhux l-inqas permezz tal-introduzzjoni ta' fondi rilevanti għall-kundizzjonalità tal-UE;

Or. en

Emenda 862
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Iħeġġeġ lill-Istati Membri rilevanti jiżguraw rimedju sħiħ u f'waqtu għall-persuni, is-sidien tad-djar, il-komunitajiet u n-negozji ż-żgħar kollha affettwati minn prodotti tal-konkrit difettużi, inklużi blokok kontaminati bil-majka, billi jintroduċu skema ta' kumpens li tkopri 100 % tal-kostijiet ta' rimedju, ir-rikostruzzjoni jew il-bini mill-ġdid; jenfasizza li dan ir-rimedju jrid jinkludi l-ġuriżdizzjonijiet kollha milquta, filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza transfruntiera;

Or. en

Emenda 863
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10d. Jistieden lill-Kummissjoni biex b'urġenza tinvestiga, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri affettwati, jekk ir-regolamentazzjoni, il-finanzjament, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, jew l-istandards tal-UE bħall-I.S EN 771- 3:2011+A1:2015, jistgħux jintużaw jew jiġu adattati sabiex jiġi żgurat li l-iskemi ta' kumpens, b'mod partikolari dawk għal prodotti difettużi tal-konkrit jew kontaminati bil-majka, jiġu ffinanzjati kif xieraq u jikkonformaw mal-obbligi tal-UE, inklużi dawk relatati mal-istandards ambjentali, tas-sikurezza, tal-konsumatur u tal-prodotti għall-bini;

Or. en

Emenda 864
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10e. Jenfasizza lill-Istati Membri li jistgħu jikkunsidraw tnaqqis temporanju tal-VAT fuq materjali tal-kostruzzjoni residenzjali biex inaqqsu l-kostijiet tal-akkomodazzjoni u jaċċeleraw il-bini;

Or. en

Emenda 865
Irmhild Boßdorf

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jinvestu fl-innovazzjoni fis-settur tal-akkomodazzjoni mhux biss biex itejbu l-kwalità tal-istokk tal-akkomodazzjoni, f'termini ta' effiċjenza enerġetika, iżolazzjoni akustika u termika, soliditàstrutturali u affordabbiltà, iżda wkoll biex irawmu l-produttività u l-effiċjenza fil-proċess tal-kostruzzjoni nnifsu, permezz ta' metodi aktar rapidi, aktar kosteffettivi u li jirrikjedu inqas ħaddiema, inklużi l-industrijalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-tekniki tal-bini; jitlob li l-fondi tal-UE u dawk nazzjonali jsaħħu l-appoġġ għall-innovazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari dak xprunat mill-mikrointrapriżi u l-SMEs iffukati fuq ir-riċerka dwar materjali ġodda;	***imħassar***

Or. de

Emenda 866

Klara Dostalova, Julie Rechagneux, Ondřej Knotek, Jaroslav Bžoch, Rachel Blom, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jinvestu fl-innovazzjoni fis-settur tal-akkomodazzjoni mhux biss biex itejbu l-kwalità tal-istokk tal-akkomodazzjoni, f'termini ta' effiċjenza enerġetika, iżolazzjoni akustika u termika, soliditá strutturali u affordabbiltà, iżda wkoll biex irawmu l-produttività u l-effiċjenza fil-proċess tal-kostruzzjoni nnifsu, permezz ta' metodi aktar rapidi, aktar kosteffettivi u li jirrikjedu inqas ħaddiema, inklużi l-industrijalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-tekniki tal-bini; jitlob li l-fondi tal-UE u dawk nazzjonali jsaħħu l-appoġġ għall-innovazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari dak xprunat mill-mikrointrapriżi u l-SMEs iffukati fuq ir-riċerka dwar materjali ġodda;	11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jinvestu fl-innovazzjoni fis-settur tal-akkomodazzjoni mhux biss biex itejbu l-kwalità tal-istokk tal-akkomodazzjoni, f'termini ta' effiċjenza enerġetika, iżolazzjoni akustika u termika, soliditá strutturali u affordabbiltà ***filwaqt li jżommu standards raġonevoli ta' prestazzjoni enerġetika u akustika***, iżda wkoll biex irawmu l-produttività u l-effiċjenza fil-proċess tal-kostruzzjoni nnifsu, permezz ta' metodi aktar rapidi, aktar kosteffettivi u li jirrikjedu inqas ħaddiema, inklużi l-industrijalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-tekniki tal-bini; jitlob li l-fondi tal-UE u dawk nazzjonali jsaħħu l-appoġġ għall-innovazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari dak xprunat mill-mikrointrapriżi u l-SMEs iffukati fuq ir-riċerka dwar materjali ġodda; ***jisħaq li l-innovazzjoni trid primarjament tnaqqas il-kostijiet u tħaffef il-kostruzzjoni, tappoġġja l-intrapriżi lokali u l-artiġjanat tradizzjonali, u tikkontribwixxi għall-awtosuffiċjenza Ewropea; jinsisti li l-appoġġ għall-innovazzjoni ma jridx joħloq pożijiet amministrattivi addizzjonali għall-kumpaniji ż-żgħar;***

Or. en

Emenda 867
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jinvestu fl-innovazzjoni fis-settur tal-akkomodazzjoni mhux biss biex itejbu l-kwalità tal-istokk tal-akkomodazzjoni, f'termini ta' effiċjenza enerġetika, iżolazzjoni akustika u termika, soliditá strutturali u affordabbiltà, iżda wkoll biex irawmu l-produttività u l-effiċjenza fil-proċess tal-kostruzzjoni nnifsu, permezz ta' metodi aktar rapidi, aktar kosteffettivi u li jirrikjedu inqas ħaddiema, inklużi l-industrijalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-tekniki tal-bini; jitlob li l-fondi tal-UE u dawk nazzjonali jsaħħu l-appoġġ għall-innovazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari dak xprunat mill-mikrointrapriżi u l-SMEs iffukati fuq ir-riċerka dwar materjali ġodda;	11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jinvestu fl-innovazzjoni fis-settur tal-akkomodazzjoni mhux biss biex itejbu l-kwalità tal-istokk tal-akkomodazzjoni, f'termini ta' effiċjenza enerġetika, iżolazzjoni akustika u termika, soliditá strutturali u affordabbiltà, iżda wkoll biex irawmu l-produttività u l-effiċjenza fil-proċess tal-kostruzzjoni nnifsu, permezz ta' metodi aktar rapidi, aktar kosteffettivi u li jirrikjedu inqas ħaddiema, inklużi l-industrijalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-tekniki tal-bini; jitlob li l-fondi tal-UE u dawk nazzjonali jsaħħu l-appoġġ għall-innovazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari dak xprunat mill-mikrointrapriżi u l-SMEs iffukati fuq ir-riċerka dwar materjali ġodda; ***jappella għall-iżvilupp u l-varar ta' soluzzjonijiet u teknoloġiji tad-djar intelliġenti, b'mod partikolari għal persuni bi bżonnijiet speċifiċi, li jippermettu għajxien indipendenti u jippromwovu l-inklużjoni soċjali bħala alternattiva għall-appoġġ istituzzjonali;***

Or. en

Emenda 868
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jinvestu fl-innovazzjoni fis-settur tal-akkomodazzjoni mhux biss biex itejbu l-kwalità tal-istokk tal-akkomodazzjoni, f'termini ta' effiċjenza	11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jinvestu fl-innovazzjoni ***soċjalment responsabbli*** fis-settur tal-akkomodazzjoni mhux biss biex itejbu l-kwalità tal-istokk tal-akkomodazzjoni,

enerġetika, iżolazzjoni akustika u termika, soliditàstrutturali u affordabbiltà, iżda wkoll biex irawmu l-produttività u l-effiċjenza fil-proċess tal-kostruzzjoni nnifsu, permezz ta' metodi aktar rapidi, aktar ***kosteffettivi*** u li jirrikjedu inqas ħaddiema, inklużi l-industrijalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-tekniki tal-bini; jitlob li l-fondi tal-UE u dawk nazzjonali jsaħħu l-appoġġ għall-innovazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, ***b'mod partikolari dak xprunat*** mill-mikrointrapriżi u l-SMEs iffukati fuq ir-riċerka dwar materjali ġodda;	f'termini ta' effiċjenza enerġetika, iżolazzjoni akustika u termika, soliditàstrutturali u affordabbiltà, iżda wkoll biex ***itejbu l-istandards tax-xogħol,*** irawmu l-produttività u l-effiċjenza fil-proċess tal-kostruzzjoni nnifsu, permezz ta' metodi aktar rapidi, aktar kosteffettivi u li jirrikjedu inqas ħaddiema, inklużi l-industrijalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-tekniki tal-bini; ***jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiżguraw li l-innovazzjoni fis-settur tal-akkomodazzjoni ma twassalx għal żieda fil-kostijiet tal-akkomodazzjoni jew l-ispostament tar-residenti; jitlob*** li l-fondi tal-UE u dawk nazzjonali jsaħħu l-appoġġ għall-innovazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, ***bħal dawk xprunati*** mill-mikrointrapriżi u l-SMEs iffukati fuq ir-riċerka dwar materjali ġodda;
	Or. en

Emenda 869
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jinvestu fl-innovazzjoni fis-settur tal-akkomodazzjoni mhux biss biex itejbu l-kwalità tal-istokk tal-akkomodazzjoni, f'termini ta' effiċjenza enerġetika, iżolazzjoni akustika u termika, soliditàstrutturali u affordabbiltà, iżda wkoll biex irawmu l-produttività u l-effiċjenza fil-proċess tal-kostruzzjoni nnifsu, permezz ta' metodi aktar rapidi, aktar kosteffettivi u li jirrikjedu inqas ħaddiema, inklużi l-industrijalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-tekniki tal-bini;	11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jinvestu fl-innovazzjoni fis-settur tal-akkomodazzjoni mhux biss biex itejbu l-kwalità tal-istokk tal-akkomodazzjoni, f'termini ta' effiċjenza enerġetika, iżolazzjoni akustika u termika, soliditàstrutturali u affordabbiltà, iżda wkoll biex irawmu l-produttività u l-effiċjenza fil-proċess tal-kostruzzjoni nnifsu, permezz ta' metodi aktar rapidi, aktar kosteffettivi u li jirrikjedu inqas ħaddiema, inklużi l-industrijalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-tekniki tal-bini***, meta***

jitlob li l-fondi tal-UE u dawk nazzjonali jsaħħu l-appoġġ għall-innovazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari dak xprunat mill-mikrointrapriżi u l-SMEs iffukati fuq ir-riċerka dwar materjali ġodda;	***jkun xieraq, filwaqt li jiżguraw li l-metodi ta' kostruzzjoni tradizzjonali u ibridi jkomplu jiġu appoġġjati, b'mod partikolari f'kuntesti ta' rinnovazzjoni***; jitlob li l-fondi tal-UE u dawk nazzjonali jsaħħu l-appoġġ għall-innovazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari dak xprunat mill-mikrointrapriżi u l-SMEs iffukati fuq ir-riċerka dwar materjali ġodda;

Or. en

Emenda 870
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Inese Vaidere, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jinvestu fl-innovazzjoni fis-settur tal-akkomodazzjoni mhux biss biex itejbu l-kwalità tal-istokk tal-akkomodazzjoni, f'termini ta' effiċjenza enerġetika, iżolazzjoni akustika u termika, soliditá strutturali u affordabbiltà, iżda wkoll biex irawmu l-produttività u l-effiċjenza fil-proċess tal-kostruzzjoni nnifsu, permezz ta' metodi aktar rapidi, aktar kosteffettivi u li jirrikjedu inqas ħaddiema, inklużi l-industrijalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-tekniki tal-bini; jitlob li l-fondi tal-UE u dawk nazzjonali jsaħħu l-appoġġ għall-innovazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari dak xprunat mill-mikrointrapriżi u l-SMEs iffukati fuq ir-riċerka dwar materjali ġodda;	11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jinvestu fl-innovazzjoni fis-settur tal-akkomodazzjoni mhux biss biex itejbu l-kwalità tal-istokk tal-akkomodazzjoni, f'termini ta' effiċjenza enerġetika, iżolazzjoni akustika u termika, soliditá strutturali u affordabbiltà, iżda wkoll biex irawmu l-produttività u l-effiċjenza fil-proċess tal-kostruzzjoni nnifsu, permezz ta' metodi aktar rapidi, aktar kosteffettivi u li jirrikjedu inqas ħaddiema, inklużi l-industrijalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-tekniki tal-bini; jitlob li l-fondi tal-UE u dawk nazzjonali jsaħħu l-appoġġ għall-innovazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari dak xprunat mill-mikrointrapriżi u l-SMEs iffukati fuq ir-riċerka dwar materjali ġodda; ***jitlob li jiġu inċentivati teknoloġiji innovattivi prodotti fl-Unjoni li jistgħu jindirizzaw il-faqar enerġetiku;***

Or. en

Emenda 871
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
